# DAWL FRANĠISKAN

GĦADD 417 | FRAR 2022 | IT-42 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

NEWSPAPER POST ISN 1811-5373



**X'KONTRADIZZJONI!** NEĦĦEJNA L-PIENA TAL-MEWT GĦALL-KRIMINALI, GĦAL MIN JOQTOL, U RRIDU NDAĦĦLU B'LIĠI L-MEWT GĦAL MIN HU INNOĊENTI, GĦAT-TARBIJA BLA LEĦEN F'ĠUF OMMHA.

# WERREJ


3 **Abortion in Malta? Not in my name!**
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

5 **Jum San Valentinu**
KAV. JOE M. ATTARD

6 **Kapuċċin Saċerdot vs Saċerdot Kapuċċin**
FR MARK SCICLINA OFMCap

8 **Is-sagrament tad-Dilka tal-Morda**
FR ELMAR PACE OFMCap

11 **Il-formazzjoni tal-bidu**
FR JOE BUTTIGIEG OFMCap

13 **Tlugħ tal-lotterija tal-Epifanija b'risq il-Missjoni**

14 **Xandru Farrugia, familtu u xogħlijiet artistiċi (It-2 Parti)**
Joseph C. Camilleri BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)

16 **Is-sejħa fl-Ordni Franġiskan Sekulari (L-Ewwel Parti)**
Godwin Vella Clark OFS

18 **Stay Home Stay Safe**
Kav. Dott. Karmenu Mallia

20 **Aħwa li daħlu fil-ħajja ta' dejjem**
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

28 **Mid-djarju tal-Kapuċċini Maltin - Aħbarijiet tal-provinċja**
BR MIGUEL ZAMMIT OFMCap SEGRETARJU PROVINĊJALI

32 **Il-mixja sinodali tal-Knisja tkompli...**
FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap

34 **Il-Kejk tas-Slaten Maġi**
FR PAUL BUGEJA OFMCap

35 **Kompetizzjonijiet**
FR WISTIN ATTARD OFMCap





## ĦSIEB TAL-FAĊĊATA

L-abort huwa ħażen li jmur kontra tlieta mill-għaxar kmandamenti ta' Alla – l-1 kmandament: Twarrab lil Alla u tagħmel lilek innifsek minflok Alla (l-ewwel kmandament); it-2 kmandament: La toqtolx (il-ħames kmandament); it-3 kmandament: La tisraqx (is-seba' kmandament).



## Bord Editorjali


**Editur**
Fr Philip Cutajar OFMCap

**Amministratur**
Dorian Holland OFS

**Distributur Malta**
Alfred Ebejer

**Distributur Għawdex**
Pierre E. Buttigieg OFS

**Membri**
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - A.Flame



**Direzzjoni u Amministrazzjoni**
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

**Telefown:** 2123 3874,
2123 4949

**Fr. Philip Cutajar Mob:** 79335692

**Dorian Holland Mob:**
77223730 / 77568801.

**Imejl:** dawlfrangiskan@gmail.com

**IISN 1811-5373**

**Disinn u Stampar:**
Best Print Co. Ltd
**Telefown:** 2168 0789



**© Dawl Franġiskan 2022**



**Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini**

**Ħlas tal-Abbonament:**
€10.00 fis-sena


Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:
Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

FR PHILIP CUTAJAR OFMCap



# Abortion in Malta? Not in my name!

Għat-tmien darba se nikteb dwar l-istess suġġett li bdejt nikteb dwaru mill-ħarġa tar-rivista *Dawl Franġiskan* ta' Mejju 2021. Nistieden lil kull wieħed u waħda mill-qarrejja tagħna sabiex ifittxu li jaqraw dawn l-artikli/editorjali bil-għan li jkompli jkollhom stampa sħiħa mhux biss tal-gravità morali u soċjali tal-abort imma wkoll tal-ħażen tiegħu bħala dnub mhux biss kontra Alla imma wkoll kontra l-umanità, kontra l-vittma maqtula bħala persuna innoċenti f'ġuf ommha u mhux inqas kontra l-persuna stess li tkun qed twettaq l-abort, li forsi bla ma taf tkun qed tagħmel ħsara kbira lilha nnifisha. Quddiem din is-sitwazzjoni preżenti, b'mod speċjali f'Malta, ma nistgħux indaħħlu rasna fir-ramel, qisu mhu qed jiġri xejn.

## Is-sitwazzjoni preżenti fil-politika ta' pajjiżna

Hemm bżonn naqraw u nisimgħu aktar dwar is-suġġett għax qed isir wieħed aktar diskuss f'diversi oqsma tas-soċjetà, speċjalment fil-qasam tal-politika. Jiddispjaċina ninnutaw li fiż-żewġ partiti l-kbar tal-politika Maltija hemm elementi favur l-abort, favur il-kultura tal-mewt. Smajna u qrajna li hemm politiċi, jew kandidati ġodda li beħsiebhom joħorġu għall-politika, li qed jesprimu lilhom infushom favur l-abort. Meta membru parlamentari jew kandidat/a għall-elezzjonijiet li jmiss jitkellem favur id-dekriminalizzazzjoni tal-abort, favur il-morning after pill, favur il-pro-choice u d-dritt tal-mara li għax ġisimha hu tagħha tista' toqtol lit-tarbija f'ġufha, favur kontraċettivi li fihom infushom huma abortivi, inkunu qed nisimgħu ilħna favur l-abort. Anke jekk ma jsemmux direttament il-kelma 'abort', imma jkunu qed jersqu ferm qrib tiegħu.

Donnhom iż-żewġ partiti l-kbar fix-xena politika f'Malta qed jidħlu f'kunflitt għax f'moħħhom għandhom biss ir-rebħ tal-



voti, li miegħu hemm ir-rebħ tal-elezzjoni li jmiss. Il-partit jiġi f'dilemma jekk iżommx mal-valuri u l-prinċipji Nsara u umani li bħala Maltin dejjem għożżejna jew inkella biex jirbaħ xi voti tal-elettorat iċedi dawn il-valuri, fosthom minħabba l-abort. Dan ġara diġà quddiem valuri oħrajn li issa b'referendum jew b'deċiżjoni tal-maġġoranza parlamentari tlifniehom u qed inbatu l-konsegwenzi tagħhom.

## La toqtolx

Fir-riflessjonijiet li diġà qsamt magħkom, speċjalment f'dawn tal-aħħar, ktibt dwar kif l-abort imur kontra tlieta mill-għaxar kmandamenti ta' Alla. Aħna bħala Nsara aħna msejħin biex nosservaw l-10 kmandamenti li huma u mhux 7. Min iwettaq l-abort ikun qed jikser tliet kmandamenti, li tnejn minnhom diġà ktibt dwarhom.

Dawn huma:
L-1 kmandament: **"Jiena hu l-Mulej, Alla tiegħek. Ma jkollokx allat oħra għajri"** (l-editorjal ta' Diċembru 2021, pp. 3-5). Meta twettaq abort tkun qed tagħmel lilek innifsek alla, tieħu l-liġi b'idejk, tiddeċiedi int x'inhu tajjeb jew ħażin. Sejjaħnielu 'd-dnub ta' Adam u Eva'.

Is-7 kmandament: **"La tisraqx"** (l-editorjal ta' Jannar 2022, pp. 3-5). Ktibt li kull tarbija maqtula fil-ġuf hija għemil ta' serq lill-umanità. U ta' dan ippreżentajt 5 personaġġi famużi li kien ser isir abort fuqhom imma ma sarx. Li kieku sar, is-soċjetà kienet titlifhom.

Il-5 kmandament: **"La toqtolx"**. Dan huwa l-kmandament li dwaru nixtieq nikteb illum. Kemm huwa dnub/ħażen gravi l-qtil! Tant inħossuh u nemmnu li huwa gravi li saħansitra neħħejna anke l-piena tal-mewt għal min joqtol. X'kontradizzjoni! Neħħejna l-piena tal-mewt għall-kriminali, għal min joqtol, u rridu ndaħħlu b'liġi l-mewt għal



min hu innoċenti, għat-tarbija bla leħen f'ġuf ommha!

## Soċjetà ta' kontradizzjonijiet

Qegħdin ngħixu f'soċjetà ta' kontradizzjonijiet. Waħda minn dawn il-kontradizzjonijiet hija propju li filwaqt li nagħmlu minn kollox sabiex insalvaw għasfur mill-kaċċaturi, kelb jew qattus, kull annimal li ma jiġix maħqur jew maqtul, fkieren li nieħdu ħsiebhom ħalli jfaqqsu b'saħħithom u nitfgħuhom fil-baħar għax



hemm hu posthom, u meta nagħmlu dan inkunu qed nagħmlu sewwa, imma fejn tidħol tarbija le! Dik għandna dritt noqtluha! F'nofs Novembru 2021 raġel barrani jixxabbat fuq is-swar tal-Belt Valletta jaħsibha jekk jaqbiżx jew le, morna bil-mowbajls f'idejna nħajruh jaqbeż ħalli neħdulu video! Tlifna l-valur tal-ħajja. Nistaqsi: min hu l-aktar marid gravi? Ir raġel li kien qed jittanta jaqbeż minn fuq is-swar jew dak il-grupp ta' nies (fil-maġġoranza nisa) bil-mowbajls f'idejhom iħajruh jaqbeż? Inżilna daqshekk fil-qiegħ!

## Alla biss huwa sid il-ħajja

Min tana l-permess sabiex niddeċiedu bejn min għandu jgħix u min għandu jmut? Alla BISS huwa sid il-ħajja. Dan jgħodd mhux biss għall-abort imma wkoll għall-ewtanasja. M'għandi l-ebda dritt, la fuq il-ħajja tiegħi (l-ewtanasja) u lanqas fuq il-ħajja ta' ħaddieħor (l-abort). Aħna bħala bnedmin umani rridu dejjem noqogħdu attenti li lanqas l-iċken ħsara ma nagħmlu lil xulxin, la fuq il-persuna u lanqas fuq il-proprjetà tal-persuna. Aktar u aktar kemm m'għandniex noqtlu lill-persuna! Irridu nħarsu d-dritt ta' kull persuna sabiex tgħix sa mill-bidu tat-tnissil tagħha fil-ġuf tal-omm sal-mewt naturali tagħha.

Kemm ikun isbaħ u aħjar li kieku fil-għerf tagħna, fil-maturità umana u reliġjuża tagħna, bl-iżvilupp li qed iseħħ speċjalment fil-qasam tax-xjenza medika u t-teknoloġija, infittxu nkunu aktar pożittivi, proattivi billi nfittxu mezzi kif ngħinu lill-omm tqila sabiex tiled it-tarbija u din issib min jilqagħha bl-imħabba! Din għandha tkun il-ħidma u l-isforz kollettiv bejn Knisja u stat, bejn kull ċittadin, tas-soċjetà sħiħa tagħna.

*Il-Mulej jagħtikom is-sliem!*

POEŻIJA

KAV. JOE M. ATTARD
emarjos@hotmail.com

# Jum San Valentinu

Din is-sena din il-festa
qed tasal xi ftit imċajpra,
u donnok mank tista' tidħak!
Ta' kollox tmurlek il-ħajra.

Għax kif tafu sewwa intom
ħakmitna dil-pandemija,
serqitilna t-tbissima,
qerditilna l-armonija.

Imma bil-mod, bil-paċenzja,
se noħorġu rebbiħin,
basta kulħadd jagħmel dmiru –
bħalissa dan id-destin!

Nitolbuk, San Valentinu,
int patrun tal-maħbubin –
lilhom ħares minn kull deni
u agħmilhom ferħanin.

Żommhom dlonk taħt saqaf wieħed,
b'għaqal jibnu l-familja
biex fosthom l-hena u l-paċi
ma jonqsux li jilħqu l-milja!

Għax l-imħabba hija l-qofol
ta' kull ferħ u allegrija,
u f'nofs Frar San Valent jiġi
biex jeqred kull hemm u dmija!

Ejjew nixtru rigal ħelu
fil-festa tal-maħbubin!
Ejjew nibżgħu għall-imħabba
u ngħożżuha tul is-snin!

Mhux il-flus, is-setgħa, ir-regħba
li jagħmlu ferħan lill-bniedem,
'ma l-imħabba, l-għaqda, l-hena
jirrenduh hieni u niedem!

Ejjew mela lkoll ngħajtu,
"Evviva San Valentinu!
Reġġa' lura t-tbissima.
Dan iż-żmien kulħadd iridu!"



FR MARK SCICLUNA OFMCap

# Kapuċċin Saċerdot vs Saċerdot Kapuċċin

Fit-8 ta' Mejju 2021 ġejt ordnat presbiteru mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Charles Jude Scicluna. Il-ġranet viċin l-ordinazzjoni kienu intensi ħafna u l-ordinazzjoni kien mument speċjali ħafna għalija, fejn esperjenzajt sens ta' gratitudni kbir u tgħanniqa kbira ta' mħabba mingħand Alla.

Hawn nixtieq naqsam magħkom ftit l-esperjenza tiegħi ta' dawn il-ftit xhur mill-ordinazzjoni 'l hawn speċjalment fid-dawl tal-kariżma Franġiskana li jiena nħaddan fl-Ordni Kapuċċin. Il-mistoqsija għalikom li nixtieq nirriflettu fuqha hija din: Kapuċċin saċerdot jew saċerdot Kapuċċin? Forsi r-risposta mhix daqshekk ċara mill-ewwel għal kulħadd. Però r-risposta li jiena nagħti hija li s-sejħa tiegħi bħala Patri Kapuċċin hi ta' Kapuċċin saċerdot. U hawn sejjer nispjega b'mod sempliċi għalfejn.



L-enfasi fuq il-Kapuċċin, jiġifieri l-kariżma Franġiskana, tiġi l-ewwel u għandha tkun fil-pedament tal-vokazzjoni tagħna bħala patrijiet Kapuċċini, għax hija propju hi l-ewwel sejħa li kellna. Kienet l-ispiritwalità Franġiskana li l-ewwel ġibditni. Li nagħti kollox lil Alla f'ħajja ta' talb, sempliċità, komunitarja u f'ħidma ma' dawk li jinsabu fil-periferiji tas-soċjetà. Għalhekk dawn għandhom ikunu dejjem il-qafas tas-sejħa għas-saċerdozju u mhux bil-kontra.



Punt ieħor importanti huwa li jekk jiena npoġġi s-saċerdozju fl-ewwel post, ikun hemm ir-riskju li nibda npoġġi lili nnifsi fiċ-ċentru tas-sejħa u l-ħidma li nkun qiegħed nagħmel. Dan huwa riskju kbir. Għalhekk li jiena nfakkar lili nnifsi, li jien imsejjaħ li nkun Kapuċċin saċerdot, inkun bażikament qed inpoġġi lil Ġesù Kristu fiċ-ċentru tal-ħajja tiegħi,

tat-talb, tal-ħidma, tal-ħajja fraterna, bażikament tal-kollox tiegħi. Dan huwa l-punt kruċjali fejn jiena, li nħaddan l-ispiritwalità Franġiskana, irrid nispira l-ħajja tiegħi mill-mod kif kien jgħix Franġisku t'Assisi. Bażikament Franġisku kien ipoġġi u jagħraf lil Kristu bħala l-kollox tal-ħajja tiegħu. Tant Franġisku rnexxielu jgħix dan b'mod tajjeb, li nistgħu ngħidu li hu sar Kristu ieħor, sar bħal rifless f'mera li jirrifletti lil Ġesù Kristu bil-ħajja kollha tiegħu.



Għalhekk ir-risposta hija ċara, li bħala patri Kapuċċin jien imsejjaħ li nipprova ngħix ta' Kapuċċin saċerdot u mhux bil-kontra, biex b'hekk inkun tassew qed ngħix dak li jien imsejjaħ għalih u dak li jiġi ċċelebrat f'kull quddiesa. Filwaqt li hawn nixtieq nirringrazzja lil tant persuni li mxew din il-mixja miegħi u tawni s-sapport tagħhom u talbu għalija, inkomplu nitolbu għal iktar żgħażagħ li b'kuraġġ, fidi u ħafna ferħ u mħabba, jisimgħu u jirrispondu għas-sejħa li Alla qiegħed jagħmel fil-qalb tagħhom, biex jingħataw f'għotja sħiħa lill-Mulej.




# VUĊI MISSJUNARJA

jixxandar fuq Radju Marija

- Segwi l-esperjenzi u l-avventuri ta' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin fl-artijiet tal-missjoni, esperjenzi li jħalluk bla nifs u bla kliem iżda li jimlewk b'ammirazzjoni għall-kuraġġ ta' dawn l-eroj tas-skiet!
- Kun af bil-proġett ta' fejda li huma qed iwettqu għal miljuni ta' nies fil-bżonn, nies imxerrda fl-erba' naħat tad-dinja.
- Issir taf dan kollu u ħafna aktar fil-programm VUĊI MISSJUNARJA li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fid-9.00pm fuq Radju Marija (102.3FM għal Malta u 107.8FM għal Għawdex) b'ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fis-6.00am, bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Frank Cassar u Helena Sammut.



FR ELMAR PACE OFMCap



# Is-sagrament tad-Dilka tal-Morda

## Niċċelebraw Jum il-Morda - il-11 ta' Frar 2022 Tifkira tal-1 dehra tal-Madonna f'Lourdes

Jien Patri Elmar Pace, Kapuċċin li bħalissa qiegħed naħdem bħala wieħed miċ-chaplains ġewwa l-Isptar Mater Dei. F'dan l-artiklu nixtieq nagħti tweġiba għal xi mistoqsijiet u ideat xi kultant żbaljati li jiġu f'moħħna meta nisimgħu b'dan is-sagrament.

**Iżda qabelxejn x'inhuma s-sagramenti?**

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fin-numru 1131 jgħidilna li **"s-sagramenti huma sinjali li jagħtu tassew il-grazzja, imwaqqfa minn Kristu u fdati lill-Knisja, li bihom tingħatalna l-ħajja ta' Alla. Ir-riti li naraw, riti li bihom jiġu ċċelebrati s-sagramenti, ifissru u jagħtu l-grazzji proprji għal kull sagrament. Jagħmlu l-frott f'dawk li jirċevuhom bid-dispożizzjonijiet meħtieġa."**

Għalhekk is-sagramenti huma sinjali viżibbli (li jidhru), li twaqqfu minn Ġesù u li jagħtuna l-grazzja ta' Alla. Pereżempju s-sinjal prinċipali tal-magħmudija huwa l-ilma. Issa, bħalma nafu, kwalità partikolari tal-ilma hija li jnaddaf. Għalhekk fil-magħmudija l-ilma huwa sinjal viżibbli li juri l-grazzja tal-maħfra jew it-tindif mid-dnub tan-nisel.

### Id-Dilka tal-Morda

**Lil min jingħata dan is-sagrament?**

Jista' jkun li meta tisma' bis-sagrament tad-dilka tal-morda timmaġina xi qassis ħdejn xi ħadd waqt xi inċident jew fejn is-sodda ta' xi ħadd l-isptar, biex jitlob għall-marid jew għal xi ħadd li jkun qed imut, jew li miet. Imma din l-idea hija wisq fqira biex nifhmu s-sbuħija u l-qawwa ta' dan is-sagrament, li jissejjaħ 'id-dilka tal-morda' jew 'il-griżma tal-morda'. Dan is-sagrament insibuh mill-bidu nett tal-Knisja.



*Id-dilka mqaddsa fuq il-moħħ tal-marid*

Dan narawh pereżempju minn dak li nsibu fl-Ittra ta' San Ġakbu, li tinsab fil-Bibbja, fit-Testment il-Ġdid: **"Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lis-saċerdoti tal-Knisja, biex dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej."** (Ġakbu 5:14)

**Xi ideat ħżiena dwar dan is-sagrament**

Tiddejqux jekk f'moħħkom għandkom l-idea li dan is-sagrament għandu x'jaqsam mal-mewt, għax fil-fatt jeżistu diversi ideat ħżiena dwar dan is-sagrament.

(1) L-ewwel idea żbaljata hija li d-dilka tal-morda ssir lil xi ħadd li jkun għadu kif miet. Bħal kull sagrament, id-dilka tal-morda tiġi ċċelebrata għal min hu ħaj. Għalhekk, kull meta naraw fil-films xi qassis jagħmel is-sinjal tas-salib fuq xi ħadd mejjet, dan ma jkunx qed jamministra s-sagrament tad-dilka tal-morda. Il-Knisja Kattolika għandha talb ieħor li jingħad fuq persuna li tkun mietet, imma dan it-talb m'għandu xejn x'jaqsam ma' dan is-sagrament. Dan is-sagrament, bħas-sagrament tal-qrar, huwa kkunsidrat bħala sagrament tal-fejqan mhux sagrament tal-mejtin.

(2) Huwa għalhekk li llum il-Knisja ma tużax il-kelma 'griżma' imma 'dilka tal-morda'. Għax ħafna saru jassoċjaw il-kelma 'griżma tal-morda' mal-mewt.

(3) Idea oħra ħażina hija li dan is-sagrament jitħalla għall-aħħar mumenti tal-ħajja tal-marid. Bħala kappillan tal-isptar kelli diversi esperjenzi ta' pazjenti li xħin rawni li mort biex namministralhom dan is-sagrament ħasbu li waslu fl-aħħar u li ma kienx hemm aktar tama għalihom. Iżda jekk inħarsu lejn dan is-sagrament b'dan il-mod ma nkunux fhimna eżatt x'inhuma s-sagramenti. Is-sagramenti huma modi kif nesperjenzaw il-grazzja ta' Alla permezz tas-sensi tagħna. Huma mogħtija lilna minn Alla għas-saħħa u l-ġid spiritwali tagħna. Fil-fatt minbarra dan is-sagrament il-Knisja Kattollika għandha żewġ sagramenti oħra li nistgħu nirċevuhom aktar minn darba: it-tqarbin u s-sagrament tal-qrar. Anzi l-Knisja tħeġġiġna ħafna biex nipparteċipaw f'dawn is-sagramenti aktar ta' spiss. Imma fir-realtà kemm-il darba nistgħu nirċievu d-dilka tal-morda?



*Id-dilka mqaddsa fuq il-pali tal-idejn*

**Mela kemm-il darba jista' jingħata dan is-sagrament?**

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fil-paragrafi 1528 u 1529 jgħidilna hekk: **"L-aħjar żmien biex xi ħadd jirċievi s-sagrament tad-dilka jew il-griżma tal-morda jasal żgur meta n-Nisrani jibda jkun fil-periklu tal-mewt minħabba l-mard jew ix-xjuħija."** Għalhekk, **"kull darba li n-Nisrani jimrad gravi jista' jirċievi d-dilka mqaddsa, u jista' jerġa' jirċeviha wkoll jekk il-marda tiħrax"**.

Għalhekk m'hemmx għalfejn titlob lil xi qassis biex jiġi jamministralek dan is-sagrament kull darba li jkollok bżonn tmur għand tabib, iżda jekk ikollok bżonn tagħmel xi operazzjoni jew xi intervent ftit jew wisq serju, ukoll jekk tkun żagħżugħ, dak ikun iż-żmien ideali biex tirċievi dan is-sagrament. Jew jekk diżgrazzjatament tirċievi l-aħbar ta' xi marda serja, dak ukoll ikun il-mument ideali biex titlob li tingħata dan is-sagrament. Hekk ukoll meta l-ġenituri jew in-nanniet jixjieħu u jibda jkollhom aktar problemi ta' saħħa, dak ukoll ikun iż-żmien ideali għalihom biex jirċievu d-dilka tal-morda.

Mela dan huwa sagrament li nistgħu nirċevuh aktar minn darba, però mhux li nirċevuh għal kull ħaġa ta' xejn. Iżda persuna tkun qed titlef ħafna mill-grazzji li b'ġenerożità jagħtina Alla jekk inħallu dan is-sagrament għall-aħħar mumenti tal-ħajja, meta l-persuna tkun waslet biex tmut.

Għalhekk jekk qed tħoss li wasal għalik (jew għal xi ħadd għażiż) il-mument li tirċievi dan is-sagrament, tiddejjaqx tistaqsi lil xi saċerdot biex jamministralek id-dilka tal-morda. Dan is-sagrament huwa sagrament ta' fejqan, kemm fiżiku kif ukoll spiritwali, u huwa sagrament li jagħti l-qawwa biex il-persuna tkun tiflaħ tissaporti l-piż tal-mard. Bħala Nsara aħna msejħin biex inħarsu lejn it-tbatija bħala l-aqwa mod kif nistgħu ningħaqdu mat-tbatija ta' Ġesù fuq is-salib.



*Il-Papa Franġisku u l-imħabba tiegħu lejn il-morda*

Darba Madre Tereża stqarret: **"Jekk l-uġigħ u t-tbatija jinsabu fil-ħajja tiegħek, ftakar li l-uġigħ, in-niket u t-tbatija huma l-bewsa ta' Ġesù – huma s-sinjal li tant ersaqt qrib ta' Ġesù li jista' jbusek."**

**X'effetti għandu dan is-sagrament?**

Il-Knisja tgħallem li s-sagrament tad-dilka tal-morda jħalli fil-marid dawn l-effetti: 1. Jgħaqqad lill-persuna marida mat-tbatija li Ġesù sofra fl-aħħar sigħat ta' ħajtu. 2. Jagħti lill-persuna l-qawwa, il-paċi u l-kuraġġ biex hija tkun tiflaħ b'mod Nisrani għat-tbatija u l-mard li jiġu meta l-persuna tkun ta' età kbira. 3. Tagħti lill-marid il-maħfra tad-dnubiet. 4. Tagħti l-fejqan fiżiku. 5. U tgħin lill-persuna marida biex tipprepara ruħha biex tidħol fil-ħajja ta' dejjem.

**Min jista' jamministra dan is-sagrament?**

Dan is-sagrament jista' jiġi amministrat f'diversi postijiet skont il-bżonn, imma jista' jiġi ċċelebrat ukoll waqt quddiesa ġo xi parroċċa jew knisja fejn tiġi organizzata quddiesa bil-parteċipazzjoni tal-morda u tal-anzjani. Iżda peress li dan is-sagrament jagħti l-maħfra tad-dnubiet irid jiġi bilfors amministrat minn xi qassis jew isqof.

**Kif jingħata dan is-sagrament?**

Id-dilka tal-morda ssir b'dan il-mod: l-ewwel is-saċerdot ipoġġi jdejh fuq ras il-marid li jkun ħa jirċievi s-sagrament. Wara, permezz taż-żejt tal-morda, jagħmel is-sinjal tas-salib fuq il-moħħ u fuq il-pali ta' jdejn il-marid waqt li jgħid din it-talba:

**"B'din id-dilka mqaddsa u għat-tjieba kbira tiegħu jieqaf miegħek il-Mulej bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Ammen. Jaħfirlek dnubietek u jsalvak, iħenn għalik u jgħinek. Ammen."**

Mis-sagramenti kollha jidher li dan huwa l-inqas sagrament li l-Insara jifhmu jew jafu dwaru. Jista' jkun għax dan huwa sagrament li huwa assoċjat ħafna mal-mard u mal-mewt, realtajiet li ħafna drabi n-nies ma jħobbux jaħsbu jew jitkellmu dwarhom. Huma realtajiet li ma naħsbux fuqhom għax ibeżżgħuna. Imma l-fidi tagħna tgħinna nħarsu lejn dawn ir-realtajiet b'mod ieħor. Matul iż-żmien Alla dejjem uriena li ma għandniex għalfejn nibżgħu mit-tbatija u mill-mewt. U s-sagrament tad-dilka tal-morda huwa mod tanġibbli kif Alla jkun magħna u jqawwina fil-mumenti diffiċli tal-ħajja, bħalma huma l-mard, it-tbatija u l-mewt. Jien naħseb li wħud mill-isbaħ talbiet ta' faraġ u kuraġġ li għandha l-Knisja jinsabu fir-rit ta' dan is-sagrament. Pereżempju din it-talba li hija waħda mit-talbiet li tista' tingħad fit-tmiem ta' dan is-sagrament.

**Mulej, Feddej tagħna, agħti l-grazzja tal-Ispirtu s-Santu u aħfer id-dnubiet; ixħet ħarsa ta' tjieba fil-hemm. Eħles minn kull tbatija tal-ġisem u tar-ruħ u agħti l-fejqan lil dawn ħutna. Rodd, Mulej, is-saħħa u l-fidi ħalli bl-għajnuna tiegħek aħna nemmnu li Int qiegħed magħna u li terfa' fuqek il-mard tagħna. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.**

FR JOE BUTTIGIEG OFMCap
skolasanpiju@gmail.com



# Il-formazzjoni tal-bidu

(L-1 Parti – Il-6 Taqsima)

## IS-SENA TAN-NOVIZZJAT

Fra Pio minn Pietrelcina beda s-sena tal-prova, in-novizzjat, bejn il-ħitan tal-kunvent Kapuċċin f'Morcone. Kienet sena spiritwali iebsa, awstera, ta' ubbidjenza, ta' penitenzi. Matul din is-sena ried jistaqsi lilu nnifsu u jishar fuq is-sejħa li kien jgħid li qiegħed iħoss, biex jara hux veru kien imsejjaħ. Bil-ġisem ried jgħaddi minn sistema ta' ċaħda sħiħa, tax-xejn tal-Evanġelju, biex ikun jista' jilħaq ideali ikbar.

Iż-żagħżugħ novizz ma kienx qalbu maqtugħa, anzi ma' dak li kienet titlob minnu r-Regola u d-dixxiplina tan-novizzjat żied b'rieda ħielsa tiegħu penitenzi oħra li kienu jgħaddu lil dawk mitluba.

Għamel l-offerta tar-rieda tiegħu lil Alla, tal-ħin tiegħu, tal-mistrieħ tiegħu, tat-talb tiegħu, tal-azzjonijiet tiegħu, tal-imħabba tiegħu nnifsu.

Għakkes lil ġismu b'ħafna mortifikazzjonijiet mingħajr qatt ma lmenta: il-kesħa xxoqq il-għadam, l-ikel ftit u fqir, is-sawm mitlub, il-qawmien ta' billejl biex jingħabar mal-oħrajn għat-talb.

Iktar kemm kien iħoss din il-fjamma ta' mħabba tikber fih iktar kienet tikber fih ix-xewqa li jbati għal din l-imħabba li kienet tħobb u li hu kien iħobb – Alla.

### It-tbatija fiż-żagħżugħ novizz

Ma kienx jaċċetta jew jilqa' t-tbatija hekk, biex joqgħod jieħu gost, bla raġuni jew b'xi patoloġija mentali, imma għaliex ried ikun mezz ta' tpattija u biex ikun jixbah lil Kristu, bħala elevazzjoni, bħala tisfija.

Dan il-mod tiegħu li bih kien iħares u jixtieq it-tbatija kellu jiżviluppa iktar 'il quddiem, meta wasal il-jum li jsir jixbah għalkollox lil Ġesù Kristu fl-esperjenza sħiħa tal-passjoni, u jieħu sehem fil-fidwa ta' Ġesù Kristu.

Fra Pio minn Pietrelcina, matul in-novizzjat, kien impenjat f'taħriġ bla jaqta' ta' axxeżi safja, għaliex huwa biss permezz tat-tisfija sħiħa li seta' jiġi milqugħ għad-dehra hienja ta' Alla.

Il-ħarsa ta' qalbu, għalhekk, kienet fuq xebh sħiħ ma' Kristu. Ried bħallikieku jirrepeti lil Ġesù, jinbidel fih.

*Il-kunvent ta' Serracapriola*



Ried ikun f'kollox bħal Ġesù, f'ħajtu, fi kliemu, fil-ħidma tiegħu. Ġewwa ruħu kien hemm misteru ta' mħabba li kien dejjem qiegħed isir bħal ġgant bil-ħidma tal-grazzja. Din il-grazzja kienet bdiet tikteb waħda mill-isbaħ poemi straordinarji li qatt inkitbu.

## Jispiċċa s-sena tan-novizzjat

Wara li spiċċa s-sena tal-prova u għadda mill-iskrutinju tal-aħwa fil-fraternità, li tat parir favorevoli lin-novizz tagħna, Fra Pio beda jħejji ruħu għall-professjoni tal-voti, li seħħet fit-22 ta' Jannar 1904.

Fil-preżenza ta' ommu u missieru, tal-fraternità, wiegħed lil Alla li jgħix fl-ubbidjenza, bla xejn tiegħu u fis-safa, billi jħares ir-Regola ta' San Franġisk kif imwettqa mill-Papa u l-Kostituzzjonijiet tal-Ordni tal-patrijiet Kapuċċini.

Qabel ma ntemmet iċ-ċelebrazzjoni kien hemm l-għoti tal-paċi. Meta resqet ommu, Mamma Peppa, għafsitu ma' qalbha u ħaslitu bi dmugħha filwaqt li fesfsitlu f'widnejh: "Ibni, ibni l-għażiż, issa sirt iben ta' San Franġisk. Ħa jbierkek huwa u miegħu nbierkek jien ukoll."

## Jagħti bidu għall-istudju lejn is-saċerdozju

Wara din is-sena kompla jirċievi formazzjoni umana u intellettwali fil-kunvent ta' Sant'Elia a Pianisi: rettorika u filosofija, imbagħad fil-kunventi ta' San Marco la Catola, Serracapriola u Montefusco l-istudji tat-teoloġija u s-Sagra Skrittura.

Dawn il-kunventi ħallew marka fuq il-passi tiegħu lejn l-axxeżi interjuri, li matulha ssaffa mid-difetti u kiseb ħakma fuq is-sensi u l-ġibdiet u ssupera provi kbar u b'hekk kiber fil-virtù.

Il-pjetà profonda, l-ubbidjenza ta' veru, is-safa tal-kristall, imġiba li m'għandek xejn x'tgħid fuqha u ħlewwa liema bħalha kienu jiddistingwuh minn sħabu l-oħra, u



Il-kunvent ta' Montefusco

s-superjuri tiegħu kienu kuntenti ħafna bih. Il-kunventi, imħaddna mis-skiet, maqtugħa min-nies, kienu l-postijiet ideali għat-tħejjija tiegħu għal fuq l-artal. Flimkien ma' sħabu li kienu jistudjaw miegħu, wara jum ta' studju, ta' talb, ta' xogħol, filgħaxija kien jinġabar madwar in-nar komuni għall-meditazzjoni, f'ġabra kbira, li mat-teptip tal-fjammi l-qalb kienet tistrieħ fl-ispirtu.

F'Sant'Elia a Pianisi kellu l-privileġġ li jieħu n-nifs tal-qdusija, għax 3 snin biss qabel il-wasla tiegħu f'dan il-kunvent kien li b'fama ta' qdusija kbira miet Padre Raffaele.

Il-profess il-ġdid ma qagħadx jaħsibha darbtejn biex jimxi fuq il-passi ta' Padre Raffaele, u fis-skiet kbir kien jitlob u jimmedita bla waqfien u jibki huwa u jaħseb fuq il-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

## Attakki mix-xitan

Imma l għadu tal erwieħ, għaliex kien jaf x'missjoni kienet ser tiġi fdata lil Fra Pio minn Pietrelcina, ma naqqasx mill-attakki kontrih. Il-vessazzjonijiet djaboliċi kienu ta' spiss, u bejn l-istudju, il-ħarsien iebes tar-Regola, il-ftit ikel u l-penitenzi Fra Pio kien beda juri sinjali ta' wieħed marradi. Anke minn barra kien sar wieħed ta' min jitħassru. Mixrub mid-deni u mill-imħabba ta' Alla, uġigħ fl-istonku u f'għonqu, f'dahru u fil-

pulmuni, għaraq, tqaħqiħa li qasmitlu sidru, temperaturi ogħla min-normal li t-tobba qatt ma setgħu jifhmu, kienu fil-bidu tal-istadji tal-ħajja mistika tiegħu.

Il-marid kien jirringrazzja lill-Mulej tal-forza li kien jagħtih biex iġarrab kollox, u iktar minn hekk, biex jagħtih il-possibiltà li jbati xi ħaġa għall-imħabba tiegħu.

Fl-istess ħin kien qiegħed iġarrab ċerta diqa minħabba l-iskrupli. Pereżempju kien jibża' li ma qerrx id-dnubiet tal-passat jew li ma qerrhomx sewwa, jew li ma kellux indiema; kien jibża' li mhux iħobb lil Alla kif kellu jħobbu jew li kien jonqsu minħabba l-imġiba tiegħu.

Kien qiegħed isib ruħu bejn il-lejl mudlam tas-sensi u dak tal-ispirtu. Imma l-ħarsa tiegħu kienet 'il fuq, ifittex li jkun f'relazzjoni ma' dak li ma jidhirx imma li kien preżenti fid-dlam tiegħu, biex jiggosta l-ħniena tiegħu, il-providenza tiegħu, il-qdusija tiegħu. Il-ħajja tiegħu tal-fidi kien jgħixha u jfissirha flimkien mal-imħabba u mat-tama, max-xewqa tat-tajjeb u l-biża' mill-ħażin.



Il-kunvent ta' Sant'Elia a Pianisi

Ukoll fil-mumenti tad-dlam kien jagħraf il-preżenza ta' Alla.

Fit-talb kien jixrob mill-għaqda straordinarja u kariżmatika ma' Alla, mill-għaqda siekta li taħdem fil-bniedem u tbiddlu.

Ried li jogħġob akkost ta' kollox u f'kollox lill-Mulej. L-ansjetà tiegħu kienet li ma jirnexxilux.

*(ikompli fil-ħarġa ta' April 2022)*

## TLUGĦ TAL-LOTTERIJA TAL-EPIFANIJA B'RISQ IL-MISSJONI

Għal sena oħra waslet fil-kalendarju liturġiku l-festa tal-Epifanija, jew kif ħafna jsejħulha, il-festa tat-tliet Slaten Maġi. Din hija ġurnata marbuta mal-lotterija li ta' kull sena ssir b'risq il-missjoni tal-Kapuċċini fil-Kenja. Hija bħall-Istrina tagħkom għal ħutna l-missjunarji fil-Kenja.

Din is-sena, bħall-aħħar sentejn li għaddew, il-laqgħa li ta' kull sena konna nagħmlu għall-benefatturi, kittieba fid-*Dawl Franġiskan*, u għad-distributuri tar-rivista, ma saritx minħabba l-imxija tal-Coronavirus (COVID-19) u issa l-Omicron. Imma t-tlugħ tal-lotterija sar nhar it-Tnejn, 3 ta' Jannar quddiem grupp ta' voluntiera li ta' kuljum jiġu jagħtu l-ħidma tagħhom fl-uffiċċju tal-missjoni.
Ir-rebbieħa huma dawn:



L-ewwel premju, 2 biljetti għal tnejn min-nies bl-ajru għal San Piju tal-Pjagi – San Giovanni Rotondo – mar għand **Anna Galea** mir-Rabat, Malta, li għandha l-biljett bin-numru 050700.

It-tieni premju, sett tat-televiżjoni 32" mar għand **Joseph Frarrugia** minn Paola (Raħal Ġdid), li għandu n-numru tal-biljett 014193.

It-tielet premju, hamper, mar għand **Margareth Parnis** mill-Kappara, bin-numru tal-biljett 018095.

Nirringrazzjaw lil dawk kollha li ħadu sehem f'din il-lotterija, li mill-qligħ tagħha sejrin igawdu l-fqar, il-morda u t-tfal li l-missjunarji jieħdu ħsieb il-Kenja.

JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)



# Xandru Farrugia, familtu u xogħlijiet artistiċi (It-2 Parti)

## Żmien Xandru Farrugia

Iż-żmien li ħadem fih dan l-iskultur Żejtuni kien żmien tad-deheb għall-arti Maltija fejn tidħol l-iskultura. Diversi parroċċi bdew jordnaw il-vari titulari, diversi fratellanzi bdew jordnaw il-vara tagħhom, u diversi retturi tal-knejjes kienu jridu gandlieri tal-injam jew sett appostli tal-injam biex jiġu indurati bil-fidda għall-artali biex iżejnu l-artali fi żmien il-festi. Jekk tieħu s-snin tat-twelid u tal-mewt ta' dan l-iskultur insibu ħafna skulturi u anke statwarji li kienu attivi.



| *Mastru Xandru Farrugia*

Fost l-iskulturi kien hawn Anton Busuttil (1822-1882). Dan ħadem il-vara tal-Assunta ta' Ħad-Dingli. Kien hemm ukoll Antonio Chircop (1798-1869), li għamel il-vara ta' Santa Marija tal-Qrendi. Kien hemm ukoll żewġ skulturi bl-istess kunjom - Salvatore Dimech (1804-1886) u Vincenzo Dimech (1768-1831). Salvatore għamel il-vara tal-Lunzjata ta' Ħal Balzan waqt li Vincenzo għamel il-vari ta' San Publiju tal-Furjana u dik tal-Assunta tal-Gudja. Kien hemm ukoll statwarji mdaħħlin fix-xena Maltija. Insemmu lil Ġużeppi Caruana (1887-1973), li ħadem lil Santa Tereża tal-patrijiet Terężjani ta' Bormla u 'l San Martin tal-Baħrija. Kien hemm ukoll Ġużeppi Vella (1802-1866), li għamel il-vara tal-Viżitazzjoni tal-Għarb.[1]

Kien hemm ukoll fix-xena artistika Maltija l-eks studenti li ma' Xandru Farrugia tgħallmu s-sengħa artistika għand Mariano Gerada (1766-1823). Dawn kienu Pietru Pawl Azzopardi (1791-1875) u Salvu Psaila (1798-1871). Azzopardi għamel tliet vari titulari - il-Bambina jew il-Vitorja tal-Mellieħa, San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex u San Ġwann Battista tax-Xewkija.[2] Min-naħa l-oħra Psaila għamel lil Sant'Elena ta' Birkirkara.[3]

Referenzi:

1. Lanfranco, G. *L-istatwi titulari u l-istatwarji tagħhom.* KKM, nru 169. Interprint, il-Marsa, 1999: 71-89.
2. Lanfranco, G. *L-istatwi titulari u l-istatwarji tagħhom...* op cit: 72-73.
3. Lanfranco, G. *L-istatwi titulari u l-istatwarji tagħhom...* op cit: 88.



Iżda l-aqwa skultur li ħakem ix-xena Maltija kien bla dubju Mariano Gerada. Dan l-iskultur kiseb fama kbira fost il-Maltin ta' dawk iż-żminijiet. Studja fi Spanja u meta ġie lura Malta beda jaħdem vara wara vara. Fost dawn il-vari li kisbu fama nsibu lill-Assunta ta' Ħal Għaxaq, il-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar u Santa Katarina taż-Żurrieq. Fost vari oħra li kabbru l-fama ta' dan l-artist kbir Tarxiniż insibu l-Kunċizzjoni tal-Isla, li saret fl-1804, u San Mikiel ta' Bormla, li sar fl-1819.[4] Il-fama tiegħu kienet manifestata permezz tal-ordnijiet li kien jagħmillu l-gvern kolonjali. Insibu li Gerada għamel il-figuri tal-iljun u ż-żiemel għall-funtani li tpoġġew f'Misraħ San Ġwann fil-Belt Valletta.[5]

Minkejja din il-kompetizzjoni kollha Xandru Farrugia sab ordnijiet biex iwettaq vari titulari bħal dawk ta' Santa Marija tal-Imqabba, il-Lunzjata ta' Ħal Tarxien u San Pawl ta' Ħal Safi. Għamel ukoll vari tal-passjoni bħall-Marbut taż-Żejtun u l-figura ta' Kristu mejjet għall-knisja Ġorġjana ta' Ħal Qormi. Ħadem ukoll statwi tal-ġebel biex iżejnu u jiġbdu d-devozzjoni fit-toroq u l-imsierañ ta' Malta, bħal San Ġużepp li jinsab fil-misraħ ewlieni tal-Gudja. Dan sar fl-1834. Hemm ukoll fost l-oħrajn San Franġisk u l-Kunċizzjoni, li jinsabu fil-Belt Valletta, kif ukoll il-figuri li jirrappreżentaw il-fidi u l-isperanza, li saru għall-faċċata tal-knisja monumentali taż-Żejtun fl-1882.[6] Guido Lanfranco jgħidilna hekk dwar Xandru Farrugia: "Għamel bosta xogħlijiet oħra, bħal appostli, gandlieri, xogħol dekorattiv eċċ."[7]

Referenzi:

4. Lanfranco, G. *L-istatwi titulari u l-istatwarji tagħhom...* op. cit: 86.
5. Lanfranco, G. *L-istatwi titulari u l-istatwarji tagħhom...* op. cit: 86-87.
6. Lanfranco, G. *L-istatwi titulari u l-istatwarji tagħhom...* op. cit: 84.
7. Lanfranco, G. *L-istatwi titulari u l-istatwarji tagħhom...* op. cit: 84.

## QWIEL ĠAPPUNIŻI

1. Kelma ta' kuraġġ issaħħnek xitwa sħiħa.
2. Żrinġ ġo bir jaħseb li d-dinja kollha hi l-bir tiegħu.
3. Ilsien użat ħażin ma jagħmilx ħoss daqs terremot imma jista' jagħmel ħsara daqsu.

GODWIN VELLA CLARK OFS



# Is-sejħa fl-Ordni Franġiskan Sekulari (L-Ewwel Parti)

Is-sejħa fl-Ordni Franġiskan Sekulari titkellem prinċipalment dwar is-sejħa ta' dawk li jridu jgħixu l-ħajja tal-Franġiskani Sekulari: sejħa li hija vokazzjoni. Meta nisimgħu l-kelma 'vokazzjoni', għalkemm nafu li għandha x'taqsam mal-patrijiet jew xi reliġjużi oħra, din tfisser li hemm xi ħadd qiegħed isejjaħ, qed isemma' leħnu. Din is-sejħa titlob lill-individwu biex jisma', għax jekk dak li jkun ma jismax, tista' mhux tgħajjat, għax jibqa' ma jweġibx. Hemm min ma jismax għax huwa impedit min-natura, imma hemm min ma jismax għax għamel lilu nnifsu trux, u aħna ngħidu li l-akbar trux huwa dak li ma jridx jisma'! Issa aħna nafu, kif tgħid l-Iskrittura stess, li ħafna huma msejħin imma ftit il-magħżulin. Hemm min isodd widnejh biex ma jismax, imma hemm ftit oħrajn li jisimgħu s-sejħa u għalkemm ma jagħrfuhiex, jitolbu l-għajnuna t'Alla biex ikunu jistgħu jisimgħuha sew u b'hekk iwieġbu għaliha.

Dwar is-sejħa, jekk aħna niftħu u nqallbu l-Iskrittura Mqaddsa nsibu diversi eżempji ta' vokazzjonijiet jew sejħat. Insibu meta Alla sejjaħ lil Noè, lil Abraham, lil Samwel u dan 'qas kien qed jagħraf il-vuċi ta' Alla, infatti nafuha l-istorja ta' meta kien rieqed u kif sema' l-leħen, qam u mar għand Eli u staqsieh jekk kienx sejjaħlu, u dak għal tliet darbiet qallu le, u fl-aħħar skopra li kien il-Mulej li beda jsejjaħlu. Hemm ukoll is-sejħa ta' David, ta' Mosè, tal-profeti u wara kien hemm is-sejħat tal-appostli. Però kull sejħa titlob tweġiba.

Ħaġa li tolqotna minn dawn is-sejħiet li semmejna u ħafna oħrajn ukoll hi li l-bniedem, wara li jisma' lil Alla jsejjaħlu, ipoġġi lilu nnifsu għad-dispożizzjoni biex jagħmel dak li Alla jkun irid minnu. "Hawn jien, ibgħat lili," qal Ġeremija lill-Mulej. Anke Marija, meta semgħet is-sejħa tal-Mulej permezz tal-anġlu, qaltlu: "Hawn jien, il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont kelmtek." L-istess ukoll l-appostli meta l-Mulej sejħilhom, telqu kulma kellhom biex marru wara Ġesù. Ekku, is-sejħa titlob risposta, u biex bniedem iwieġeb irid il-kuraġġ, iżda qabel kollox irid jisma' l-leħen tiegħu.

Issa aħna qed nitkellmu fuq sejħa partikolari, sejħa fl-Ordni Franġiskan Sekulari. Dwar dan l-Ordni, jekk immorru lura u nagħtu ħarsa lejn kif oriġina dan l-Ordni ta' San



Franġisk, ma nistgħux nitkellmu fuqu jew fuq is-sejħa tal-OFS jekk ma nitkellmux almenu xi ftit fuq San Franġisk. Kieku ma kienx hemm Franġisku, kieku la hemm l-Ewwel Ordni, la t-Tieni Ordni u lanqas it-Tielet Ordni Franġiskan, imma dawn l-Ordnijiet u l-isfumaturi fl-Ordni Franġiskan seħħew għax kien hemm il-figura ta' Franġisku. Li kieku ma kienx hemm hu, m'hemmx Franġiskaniżmu.

Allura aħna nitkellmu dwar l-ispiritwalità Franġiskana, dwar ir-Regola u l-Ordnijiet Franġiskani propju għax kien hemm din l-esperjenza ta' dan iż-żagħżugħ jismu Franġisku, u aħna, meta nqallbu l-ħajja tiegħu, naraw li fil-bidu kien ġuvni moħħ ir-riħ. Kien żagħżugħ bħal kull żagħżugħ ta' żmienna.

Kieku San Franġisk kellu jgħix f'dawn iż-żminijiet u mhux 800 sena ilu, ma konniex nagħrfuh minn żgħażagħ oħra. Kien ikollu xagħru spiky, bil-misluta f'widintu, b'xi tattoo, jilbes tal-moda... insomma, kien jagħmel dak kollu li ż-żgħażagħ tal-lum jagħmlu. L-istess kif konna aħna meta konna żgħar: konna nfittxu x-xalar u d-divertiment, u kieku kellna dak li għandhom iż-żgħażagħ tal-lum, konna nagħmlu bħalhom. Illum aħna nitkażaw għax jikxfu żaqqhom, però żgur li kieku konna aħna hekk, l-istess, konna nilbsu. U propju hekk kien Franġisku, dan it-tip ta' żagħżugħ. Kien bniedem li jħobb jiddandan, kellu l-flus u kif ngħidu, "bil-flus tagħmel triq fil-baħar". U Franġisku mhux triq kien jagħmel imma ħafna ikliet u festi, wine parties bħal-lum.

Infatti kienu jsejħulu 'r-re tal-festi', għax kien kapaċi ħafna biex jorganizza dawn it-tip ta' festi. Minħabba li kien sinjur, iż-żgħażagħ kollha kienu jduru miegħu u jixxalaw minn fuq dahru. Kien żagħżugħ li kellu kollox. Illum ta' 18-il sena jixtru l-karozza, u dak iż-żmien, għalkemm ma kienx hemm karozzi, kellhom iż-żiemel. F'dawk iż-żminijiet kellhom aspirazzjonijiet differenti minn tagħna.

Illum iż-żgħażagħ ikunu jridu jilħqu fil-karriera, biex ikollhom il-flus u jħossuhom importanti u jidhru aktar smart. U San Franġisk xejn anqas – ried isir suldat, anzi kavallier, u dan kien ifisser li jkun jista' jiddandan bl-armatura u l-elmu, bix-xabla u jkollu l-paġġ miegħu. Dan kien propju l-ħolm ta' Franġisku. Qajla kellu l-ħsieb li jsir xi patri! Min ra l-film *Brother Sun Sister Moon* seta' jara kif is-soċjetà kienet tmur il-knisja, b'ħafna pompa, ħafna inċens u duħħan u ħafna affarijiet sbieħ. Kulħadd kien ikun bilqiegħda llamtat u serju, qishom kollha bil-buli u bid-dwejjaq. U Franġisku ma felaħx aktar b'dawk il-ħwejjeġ; ħassu qed jifga u ddejjaq. Preċiżament kif iħossuhom ħafna żgħażagħ illum meta jmorru l-knisja.



KAV. DOTT. KARMENU MALLIA



# Stay Home Stay Safe

M'ilux wisq. Is-sajf li għadda. Kont miexi qrib il-baħar filgħodu. Il-mixja li nagħmel kultant biex insaħħaħ il-muskoli – kienu qaluli; ma nemminhiex! Kieku kont iżgħar, forsi, imma l-kobor ġa poġġiehom f'posthom il-muskoli, u ngħiduha, mill-imfarrak u min-niexef x'tista' tieħu?

Kien post tar-ristoranti. Fuq il-bankina rajt avviż li jgħid: "Stay Home/Stay Safe."

F'qalbi dħaqt. Jew iridu n-nies jidħlu jieħdu xi ħaġa u jħallu xi ħaġa warajhom mal-kaxxier/a jew qed iħajru lin-nies biex ma jersqux 'l hemm. Mhux hekk?

Imma fl-aħħar mill-aħħar min jien jien biex nikser 'il min jogħġbu jistieden in-nies jibqgħu d-dar flok ma jidħlu jħallu l-boqxiex wara li jimlew żaqqhom?

Issa tgħiduli, 'Mela tak f'għajnek dak l-avviż?'

Iva, tafux! Għax kull darba li ngħaddi minn hemm – u dan l-avviż milli jidher iħalluh hemm – mill-ewwel jeħodni 'l bogħod, meta kont aktar żagħżugħ. Tidħqux bija, jien illum żagħżugħ kwalifikat 'xiħ'! Hawn Malta kienu ħadmu dramm realistiku tal-awtur Norveġiż Henrik Ibsen, *Dar ta' Pupa.*

U qamu x-xjaten kollha. Mhux biss Malta imma fin-Norveġja stess.

Mela x'tagħmel! Malta ta' wara l-gwerra, l-aħħar gwerra, kienet għadha infettata bix-xejra antikwata u fl-istess ħin kienet qed tħares lejn triq ġdida biex taqleb il-folja.

Dad-dramm Norveġiż, li kien kritiku ta' kif kien iż-żwieġ Vittorjan, tradizzjonali, joffrilna familja li fih, lejlet il-Milied, il-mara tad-dar, Nora Helmer, tonfoq ħafna flus fir-rigali. Żewġha juriha li dak kollu kien ħela ta' flus.

Hawn Malta l-aktar li laqat lin-nies kien dak il-bieb li Nora sabbtet warajha meta telqet minn darha u ħalliet warajha 'l-familja biex taqbad ħajja oħra.

Il-Knisja mbagħad kienet ukoll għadha tgħum fil-baħar antikwat u ma setgħetx tisma' dak il-ħoss tal-bieb jingħalaq, anzi jinstabat, li jfisser il-firda tal-familja. Kellha raġun biex tbigħ, ngħiduha. Il-kelma li toqgħod hawn hi 'separazzjoni', kelma kerha u iebsa. F'kelma waħda dad-dramm kien xokk kbir. U kellhom raġun dak iż-żmien jarawh ikrah kemm in-Norveġja kif ukoll Malta.

U hawn indur għal dramm ieħor tal-mibki awtur u poeta Ġorġ Pisani: *Is-Sengħa*

*tal-Imħabba*. Fuqu lis-Sur Pisani kienu tellgħuh il-Qorti. Kien dramm iebes għal dak iż-żmien. Xokk ieħor! Il-kawża kien tilifha, għax il-Qorti wkoll kienet għadha magħluqa f'kamra mudlama li ma bbastatx tiddawwal. Kien biss biż-żmien li l-affarijiet inbidlu. Niftakru, qegħdin Malta fiż-żmien ta' wara l-gwerra. Konna għadna ma rabbejniex ġwienaħ b'saħħithom biżżejjed biex intiru. Kellhom jgħaddu s-snin biex stajna nħabbtuha mal-awturi barranin u niġu f'tagħna.

Iż-żewġ drammi li semmejt it-tnejn isaħħu dak l-avviż ta' ħdejn il-baħar: Stay Home/ Stay Safe.

Imma... imma... il-familja mhix l-istess? Id-dar, kemm fiżika kif ukoll morali, hi l-post fejn il-familja tgħix ħajjitha u tissoda, basta jkun hemm il-ftehim, l-imħabba.

Ma nafx x'naqbad ngħid. Ma rridx neħodha kontra min hu ta' ideat differenti, għax il-ħajja hi kkumplikata u mhux lakemm tgħid "għandu jkun hekk; agħmel hekk, għax hekk aħjar". Trid tara l-kundizzjonijiet kemm ambjentali kif ukoll personali ta' dak li jkun. Jien m'iniex int, u bil-maqlub.

Imma fil-pandemija l-aħjar post biex tiżgura ħajtek, l-aktar għax-xjuħ u l-morda, hu d-dar. Sakemm wieħed jista'.

Jekk ifettillek toħroġ tinsiex il-maskra u ż-żewġ metri bogħod.

Kieku Nora u żewġha Torvald fid-dramm ta' Ibsen kienu hawn, tgħid mhux kulħadd kien jagħtihom parir – għall-ġid tagħhom – biex jibqgħu magħqudin id-dar? Imma... kieku waqa' u kiser siequ!

Sinjuri ta' ħdejn il-baħar, jekk jogħġobkom neħħuh minn hemm dak l-avviż. L-imxija qisha għaddiet. Qed jgħidu! Jekk ma nerġgħux nibdew... Fil-każ dak l-avviż erġgħu esponuh. Dejjem jekk jogħġobkom. Grazzi.

Ikun hemm min jitqażżeż, imma allura dawk jimxu għal rashom. Tgħid ngħidulhom "Morru xxejru"? Ma nażżardax nasal s'hawn, imma jagħtuk li tasal. Għax il-periklu qiegħed hemm. Tassew li milli jidher ma jibżgħux mill-perikli, dawn in-nies, imma huma jafu.

Stay Safe – ibżgħu għal ħajjitkom. X'hemm għażiż aktar minn ħajja ta' bniedem? Fl-aħħar mill-aħħar ħajjitkom f'idejkom. Imma għall-inqas ibżgħu għal ħaddieħor, tkunux egoisti. Kif? Ma tafux kif? U ejja!

Dejjem jekk jogħġobkom. Grazzi.



FR PHILIP CUTAJAR OFMCap



# Aħwa li daħlu fil-ħajja ta' dejjem

## ĦUNA PATRI GAETANO GALEA OFMCap

**"Jiena d-dawl tad-dinja.
Min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam,
iżda jkollu d-dawl tal-ħajja."
(Ġw. 8:12)**

Għar-raba' darba fl-istess sena l-mewt sejħet lil wieħed minn ħutna, din id-darba lil Ħuna Patri Gaetano Galea, jew kif konna nsibuh, Patri Gejt. Kien nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Awwissu 2020, festa ta' San Bernard Abbati u Duttur tal-Knisja, fis-sigħat bikrin ta' filgħodu kmieni, meta Ħuna Patri Gejt ġie msejjaħ sabiex iħalli din id-dinja bil-għan li jidħol fl-eternità u jingħaqad mal-qaddisin. Huwa miet fl-età sabiħa ta' 96 sena. Kien mimli bil-għomor; fil-fatt kien l-ixjeħ fil-provinċja tal-Kapuċċini f'Malta, u Alla jbierek sal-aħħar kien f'sensih u fuq saqajh.



Patri Gejt twieled Bormla nhar is-16 ta' Novembru tas-sena 1924. Huwa iben Anthony u Marija xebba Scicluna. Tgħammed fil-knisja kolleġġjata ddedikata lil Marija Immakulata ġewwa Bormla u ngħata l-isem ta' Ġużeppi. Kien l-ewwel wild minn 20 aħwa, għalkemm mhux kollha baqgħu ħajjin. Qegħdin nitkellmu fi żmien il-gwerra, meta ħafna kienu jmutu mat-twelid. Fost dawk li baqgħu ħajjin kien hemm Ġużeppi (Patri Gejt), Marija, Manuel, Karmenu, Rużarja, Ursula (li aktar tard daħlet mas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù bl-isem ta' Suor Ilariana – u għadha mimlija bil-għomor, ta' 90 sena), Lawrenza, Emanuel, Luċija, Pawlu, Doris, Ċettina u Johnny. Minn dawn kollha llum baqa' ħajjin biss tlieta: Ursula (Sr Ilariana Galea), Luċija u Emanuel.

Jekk inħarsu lejn il-mixja li wettaq bil-għan






li jilqa' b'qalb miftuħa s-sejħa li jħaddan il-ħajja Franġiskana Kapuċċina, Ħuna Patri Gejtanu ta bidu għas-sena tan-novizzjat nhar is-17 ta' Settembru, festa ta' Missierna San Franġisk fil-Għoti tal-Pjagi Mqaddsa, tas-sena 1942. Huwa ngħata l-isem ta' Fra Gejtanu minn Bormla. Bħala mastru tan-novizzi kellu lil Patri Bernard mill-Ħamrun. Ta' kull sena, nhar is-7 ta' Awwissu, festa ta' San Gejtanu, kien jiċċelebra flimkien ma' ħutu l-patrijiet il-festa tal-qaddis tiegħu. Wara s-sena tal-prova fil-kunvent tal-Madonna tal-Grazzja ġewwa Għawdex, Ħuna Fra Gejtanu għamel l-ewwel professjoni tiegħu nhar il-31 ta' Ottubru tas-sena 1943. Erba' snin wara, jiġifieri nhar il-31 ta' Mejju tas-sena 1947, intrabat b'mod sħiħ fi ħdan l-Ordni Minuri Franġiskan Kapuċċin billi wiegħed lil Alla li jgħix fil-kastità, fl-ubbidjenza u bla ma jkollu xejn tiegħu għal ħajtu kollha.

Din ma kinitx mixja faċli, la għal Ħuna Patri Gejt u lanqas għal ħutu l-patrijiet Kapuċċini l-oħra. Qegħdin nitkellmu dwar snin ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija u wara, żmien il-ġuħ u l-għaks, żmien l-attakki tal-għedewwa mill-ajru u mill-baħar, żmien ta' biża'. Meta Patri Gejt kien għadu żagħżugħ, flimkien mal-familja kienu marru refuġjati ġewwa Għawdex. Huwa jirrakkonta kif kien ħelisha minn ħalq il-mewt bl-esperjenza li kien għadda minnha. Id-dar fejn kien joqgħod ġewwa Bormla ġġarrfet u l-ġebel li waqa' fuqu kien kisirlu riġlejh. Fil-fatt b'effett t'hekk kien baqa' jzappap xi ftit għomru kollu. Wara dan l-inċident il-familja kollha kienu marru bħala refuġjati l-ewwel fl-Isptar San Luqa u mbagħad aktar tard fir-Rabat, Għawdex, eżattament fejn illum hemm il-Lyceum.

*60 sena saċerdozju*









## Patri Gejt saċerdot

Wara li Ħuna Patri Gejt temm l-istudji tal-filosofija u t-teoloġija kien wasal għalih iż-żmien li jħaddan is-saċerdozju. Huwa ġie ordnat presbiteru nhar il-5 ta' Awwissu tas-sena 1951 minn idejn l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi. Jiġifieri Ħuna Patri Gejt minn ħajja ta' kważi 97 sena għadda minnhom 79 sena bħala reliġjuż u 70 sena bħala saċerdot. Rigal sabiħ u grazzja kbira mogħtija lilu minn Alla.

## Ħidma fl-isptarijiet

Nistgħu ngħidu li l-ħidma pastorali li Ħuna Patri Gejt wettaq matul is-saċerdozju tiegħu kienet dik fl-isptarijiet. Il-ħidma fl-isptarijiet, flimkien mas-sejħa missjunarja u dik parrokkjali, kienet l-aktar ħidma li bħala Franġiskani Kapuċċini konna nagħtuha importanza. Meta nħarsu lura, għax illum l-affarijiet minħabba ċ-ċirkustanzi tal-ħajja qed jinbidlu, dawn huma t-tliet pilastri ta' ħidmiet pastorali li fuqhom kienet mibnija l-ħajja tagħna l-Kapuċċini f'Malta, mifruxa fi tliet oqsma: 1. il-ħidma tagħna fl-isptarijiet (inklużi d-djar tal-anzjani) u magħhom hemm il-ħabs, iċ-ċimiterju u d-djar tat-tfal immexxija mis-sorijiet tal-karità; 2. il-ħidma missjunarja b'mod speċjali fl-Indja u aktar tard fil-Kenja; u 3. it-tliet parroċċi li l-Mulej fada f'idejna. Ħuna Patri Gejt ħass is-sejħa li għalkemm ġieli kien preżenti f'xi parroċċa, bħalma hija dik ta' San Ġwann (l-Imsieraħ fi żmienu) imma l-ħidma pastorali tiegħu tkun tikkonsisti prinċipalment f'madwar 40 sena fl-isptarijiet.

Lil Ħuna P. Gejt insibuh preżenti mal-morda fl-Isptar Mount Carmel, mal-lebbrużi u matul dawn l-aħħar snin fl-Isptar Zammit Clapp.

| *Il-familjari*

| *Għad-Dar tal-Kleru*









Minbarra fl-isptarijiet u fir-residenzi għall-anzjani Ħuna P. Gejt ħadem kemm fil-fraternità tal-Marsa (it-Trinità Qaddisa) kif ukoll San Ġwann, Għajn Dwieli u x-Xemxija, imma l-biċċa l-kbira ta' ħajtu, madwar 40 sena, għaddieha fil-kunvent tal-Kalkara. Kemm dam il-Kalkara Ħuna Gejtu kompla jaħdem mal-morda u l-anzjani.

## Karattru ferrieħi u ġeneruż

Meta wieħed jistaqsi min kien Ħuna Patri Gejt, x'kien l-istil tal-ħajja tiegħu, x'tip ta' karattru kellu, żgur li kull min kien jafu mill-qrib u għamilha miegħu jippreżentah bħala bniedem ta' karattru ferrieħi u ġeneruż kemm mal-Mulej fil-ħajja ta' talb li kien jgħix kif ukoll mal-proxxmu, speċjalment il-morda fl-isptarijiet.

## Il-ferħ Franġiskan

Il-karattru ferrieħi ta' Ħuna P. Gejt ilkoll kemm aħna li għaddejna mill-kunvent tal-Kalkara bħala parti mis-snin tal-formazzjoni tagħna niftakruh bil-mod kif kien iferraħ lill-fraternità. Ma nistgħux ma nfaħħrux fih id-don tal-ferħ! Patri Gejt, il-patri tar-rikreazzjoni! Kemm kont tieħu gost tferraħna b'dak l-accordion, li sirt naf li kien tahulek wieħed minn ħutna l-patrijiet! X'koppja sabiħa ta' daqqaqa kien fikom int u Patri Joe Giuliano, iddoqqu fuq il-ballatur tal-kunvent tal-Kalkara! Għadni niftakar dik id-daqqa sabiħa bil-kitarra li biha Patri Joe, ta' veru kitarrist, kien idaħħlek ħelu ħelu, ħa ddoqq l-accordion. U int, li l-mużika kienet ġewwa fik għax kellek widna widnun għaliha, arak ittiha tqabbel,








P. Gejt iqaddes fid-Dar tal-Kleru

iddoqq u tkanta. Kemm kienu jkunu tassew sbieħ dawk is-sjuf Kapuċċini fuq il-ballatur fil-kunvent tagħna l-Kappuċini fil-Kalkara! Sjuf li ma ninsiehom qatt! Għax sempliċiment irrepetibbli!

## Ġeneruż ma' Alla, ma' Marija u mal-proxxmu fil-bżonn

Patri Gejt kien ukoll bniedem ġeneruż kemm ma' Alla, speċjalment permezz tal-ħin twil li kien jgħaddi fit-talb u bil-mod kif kien jitlob, u mhux inqas ġeneruż mal-bniedem li kien ifittex l-għajnuna tiegħu speċjalment fil-ħidma tiegħu fl-isptarijiet.

## Ma' Alla...

Ħuna P. Gejt, meta ma setax jitlob it-talba tal-uffiċċju divin, minħabba li kienet naqsitlu l-vista, kien ifittex min ikun jista' jaqralu s-salmi, u dan l-aħħar kien ikollu żewġ tfajliet li kienu jaqrawlu s-salmi u kitbiet dwar il-ħajja tal-qaddisin. Meta xi ftit tax-xhur ilu lil P. Gejt kellna ndaħħluh l-Isptar Mater Dei, in-nurses tas-sala fejn kien lil ħutna kappillani ta' Mater Dei qalulhom: 'Dan il-patri jekk imut dritt il-ġenna jmur, għax il-ħin kollu jitlob!' Personalment kont anki nammira fik il-mod tassew miġbur li bih kont tqaddes il-quddiesa. Lanqas kelma li hi kelma żejda ma kont titlob! B'dik is-sempliċità, il-ġabra u l-imħabba u b'qalb tħabbat u taħraq ta' Kapuċċin li jħobb lill-Mulej Ġesù Sidu, il-quddies tiegħek kien mezz tassew qawwi biex wieħed jersaq lejn il-Mulej b'ta' fuqu senduqu, basta jkollu taqbad fih qalb kbira li jkun irid tassew lill-Mulej li jbiddillu qalbu ta' taħt fuq!

## ... mal-Madonna...

Patri Gejt, int kont wieħed mill-patrijiet Kapuċċini tagħna minn Bormla. U ta'

Ma' ħutu l-patrijiet u l-kappillan

Logħob tan-nar









P. Gejt fid-Dar tal-Kleru flimkien ma' P. Frank Debono, Konventwal, u P. Timotju Azzopardi, Karmelitan

P. Gejt flimkien maż-żgħar tagħna

Bormliż tassew li kont, kemm qalbek kienet tħabbat b'taħbit kbir ta' mħabba għal Ommna l-Verġni Immakulata Marija, il-patruna tal-Ordni Franġiskan flimkien ma' Bormla! Ħuna P. Ivan Scicluna hekk kiteb fuq P. Gejt, f'email li bagħat lill-Ministru Provinċjali: "Ħsiebi jmur fl-Immakulata, li Ħuna Gejtu tant kien iħobb u li żgur interċediet għalih fl-aħħar waqtiet ta' ħajtu." Daqskemm kont tħobbha lill-Madonna kont tgħidilha f'jum il-festa tagħha, b'leħen ta' tifel fuq ruħu imma li mhu xejn: "Ġejt narak din is-sena għax din taf tkun l-aħħar waħda tiegħi li rajtek!" Ħa ngħidlek, o Marija, Ommi wisq għażiża, lil Patri Gejt veru kont tħobbu! Għax qabel ma ġie jgawdik wiċċ imb wiċċ fis-sema għal 96 sena sħaħ kellu x-xorti li jgawdi l-festa tiegħek kull 8 ta' Diċembru fuq din l-art.

## ... mal-morda u l-anzjani

Il-ġenerożità ta' Ħuna P. Gejt baqgħet tidher f'kull ħidma li wettaq, speċjalment fl-isptarijiet u fid-djar tal-anzjani. Sakemm kien għadu f'saħħtu dejjem mar iwettaq din l-opra tal-ħniena kull darba li ġie mitlub mis-superjuri tiegħu. Bħala Franġiskan Kapuċċin kien jemmen li l-preżenza tagħna ma' Kristu mislub fil-batut, fil-marid u fil-fqir kellha tkun prijorità. U għalih hekk kien.

## Imħabba u interess fil-kandidati għall-ħajja tagħna

Ħuna P. Gejt kwalità sabiħa oħra li kienet tispikka fih kienet l-imħabba u l-interess li kellu fiż-żgħażagħ kandidati għall-ħajja Franġiskana Kapuċċina. Hekk kif qal il-Ministru Provinċjali fl-omelija tal-funeral ta' dan Ħuna: "Kien iħobb u kien maħbub ħafna miż-żgħar tagħna u dejjem kien jgħidilhom, 'Naħseb ma narakomx







meta tiġu min-novizzjat, imbagħad meta tipprofessaw, wara li jipprofessaw dawk għal saċerdoti, ma naħsibx li nkun għadni ħaj meta tiġu ordnati saċerdoti.' Imma kif għedna, il-Mulej żejnu b'għomor twil u kellu l-grazzja li jara bosta minnhom jipprofessaw u anke jqaddsu."

## L-aħħar snin ta' ħajtu

L-aħħar snin ta' ħajtu, minħabba li saħħtu bdiet tiddgħajjef, għaddiehom bħala residenti fid-Dar tal-Kleru, taħt il-kura mimlija mħabba tal-Qaddejja taċ-Ċenaklu. Il-Ministru Provinċjali, Ħuna Patri Effie Mallia, fl-omelija tiegħu waqt il-quddiesa tal-funeral tkellem hekk dwar kif Patri Gejt għadda l-aħħar snin ta' ħajtu: "Matul il-madwar 9 snin li għamel id-Dar tal-Kleru P. Gejt qatt ma ngħalaq fih innifsu. Kont tarah iżur s-saċerdoti l-oħrajn bħalu, l-aktar dawk irtirati f'kamrithom minħabba s-saħħa, u kellu relazzjoni sabiħa ma' kulħadd, speċjalment ma' P. Frank Debono, Franġiskan Konventwali, li kien jgħaddi għalih biex imorru l-kappella jew għall-ikel flimkien. P. Gejt, bis-sens umoristiku sabiħ tiegħu, kien iħobb jgħaddi kumment ħelu meta tiltaqa' magħhom sejrin flimkien, waqt li jgħid: 'Agħma jmexxi 'l-agħma' għax it-tnejn kienu neqsin mill-vista. Huma kienu jinġiebu ħafna flimkien u kienu kumpanija sabiħa għal xulxin. Xi ħadd mill-patrijiet Franġiskani Konventwali kiteb hekk fuq Facebook dwar P. Gejt u P. Frank: 'Ilbieraħ iltaqgħu mill-ġdid, imma din id-darba l-ġenna.' Xi ħadd ieħor kiteb hekk: 'Kemm kienu jinħabbu! Issa flimkien mal-Mulej li tant ħabbew.'" Magħhom ħafna drabi kien jingħaqad ukoll Patri Timotju Azzopardi, Karmelitan.

Nixtieq nagħlaq b'sunett li Ħuna Patri Mario Attard OFMCap iddedika lil Ħuna Patri Gejtanu Galea:

*Insellimlek, għażiż ħija Patri Gejt.*
*Qattajt ħajtek f'għotja sħiħa lill-Mulej.*
*Dmirek lejh u lejn il-proxxmu le ħallejt;*
*għalhekk tifkiritek tgħix fiż-żmien li ġej.*

*Dik ħidmitek sfiqa u wisq qalbiena*
*ma' tant persuni morda fl-isptarijiet,*
*lilhom qdejt b'dik l-imħabba kollha ħniena,*
*ressaqt minnhom lejn il-Mulej bil-mijiet!*

*B'dik iċ-ċoqqa qaddisa Kapuċċina,*
*li minn fuqek, b'wisq għożża, int ma nżajt*
*qatt, bqajt tingħata fis-skiet b'ħafna ħin*
*għat-talb.*

*Patri Gejt, nitolbok itlob għalina ħalli*
*nħobbu 'l Kristu mhux biss nhar ta' Ħadd.*
*B'Marija magħna għad tinfetħilna l-qalb!*

Ħuna Patri Gejtanu Galea daħal fl-eternità l-Ġimgħa, 20 ta' Awwissu 2021 fir-residenza tad-Dar tal-Kleru. Il-funeral tiegħu sar l-għada s-Sibt 21 ta' Awwissu fil-knisja ta' Santa Liberata, il-Kalkara. Il-quddiesa konċelebrata ġiet immexxija mill-Ministru Provinċjali Ħuna Patri Effie Mallia. Attendew diversi saċerdoti u reliġjużi, mhux biss Kapuċċini imma oħrajn, fosthom il-kappillan tal-Kalkara u l-arċipriet ta' Bormla. Huwa ndifen fiċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata fl-oqbra tagħna.

Huwa dmirna li filwaqt li nkomplu nroddu ħajr lil Alla għar-rigal li tana fir-reliġjuż saċerdot Patri Gejtanu Galea, ma nonqsux li nkomplu nitolbu għalih bil-għan li l-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

# Innijiet lill-Madonna

Patri Gejt Galea, Kapuċċin, kiteb żewġ innijiet li mal-Bormliżi huma magħrufa bħala *Itfa' l-Ħarsa Tiegħek* u *Xebba Immakulata,* li jitkanta fuq id-*Dell'Aurora tu Sorgi Piu Bella*.

## Tislima lil Marija Immakulata

**Patri Gejtanu Galea, Kapuċċin**

Insellmulek, o Verġni Marija,
f'dan il-jum tant solenni u sabiħ.
Jixraq, iva, li lsienna nħollu,
lilek nagħtu kull tifħir u ġieħ.

*Rit: Xebba Immakulata,*
*ommna l-iżjed ħanina,*
*int patruna ta' Bormla;*
*miegħek żommna lkoll magħqudin. x2*

Il-Mulej fik isib l-għaxqa tiegħu
għax il-ħtija tan-nisel fik m'hemmx.
Int, li tisboq il-kwiekeb bi ġmielhom,
tiddi iżjed mill-qamar u x-xemx. Rit.

O Marija, int l-aqwa avukata
illi għandna quddiem Alla etern.
Dawwar lejna dawk l-għajnejn tal-ħniena
u skansana min-nar tal-infern. Rit.

Kull tifħir u kull glorja noffrulek,
int li sħaqt ras il-għadu b'riġlejk.
Indukrana u mexxina fis-sewwa
sakemm ruħna tittajjar għal ħdejk. Rit.

## Innu lill-Verġni Mbierka

**Patri Gejtanu Galea, Kapuċċin**

Itfa l-ħarsa tiegħek, o ħelwa Marija,
lejn dawn l-ulied tiegħek, b'daqshekk ferħ mimlija. *x2*

Ara, mixħuta, lilna, f'riġlejk;
int żommna miegħek, sa niġu ħdejk. *x2*

Dik qalbek imfawra b'teżori ta' ħniena
għall-midinbin kollha li għandhom indiema. *x2*
Xmajjar ta' grazzji jgħaddu minn idejk;
int żommna miegħek, sa niġu ħdejk. *x2*

Dan il-wied ta' niket li tant ibikkina,
lejk nitfgħu ħarsitna, u inti tmexxina. *x2*

Ħlewwa tal-ġenna ħarsa ta' għajnejk;
int żommna miegħek sa niġu ħdejk. *x2*

Meta l-għadu t'Alla jittanta jfixkilna
fil-ħin tal-mewt tagħna, int żommu bogħod minna. *x2*

Ftakar l'int sħaqtlu rasu b'riġlejk;
int żommna miegħek, sa niġu ħdejk. *x2*





BR MIGUEL ZAMMIT OFMCap
SEGRETARJU PROVINĊJALI

## 1.Beata Kapuċċina ġdida: Marija Lawrenza Longo

Marija Lawrenza Longo twieldet fil-familja nobbli ta' Katalonja, Spanja. Meta kienet għadha żagħżugħa żżewġet lil Juan Llonc, li kien ir-reġġent t'Aragona, u miegħu kellha tliet subien. Minħabba li waħda mill-qaddejja tagħha, li kienet tobgħodha, għamlitilha l velenu fl ikel, ġiet paralizzata f'idejha u f'saqajha, u għalkemm marida hekk, fl-1506 marret ma' żewġha Napli, li mar fuq xogħol. Meta mitilha r-raġel, ħaduha pellegrinaġġ is-santwarju ta' Loreto, kif xtaqet hi, u hemmhekk, waqt il-quddiesa, qalgħet il-grazzja tal-fejqan minnufih.

Malli reġgħet lura Napli ħadet ħsieb li tkun moħħha mistrieħ minn uliedha li jkunu jistgħu jgħixu għal rashom, għax kienu kibru, u ngħatat għall-qadi fl-imħabba mal-morda tal-isptar ta' San Nicola al Molo. Fl-1519, imħeġġa minn wieħed jismu Ettore Vernazza, nutar minn Ġenova, dak li waqqaf il-kumpanija Del Divino Amore, waqqfet sptar Napli għal nies b'mard li ma jitfejjaqx, l-isptar ta' Santa Maria del Popolo, li nbena fl-1522. Kienet ukoll tieħu ħsieb xi nisa ta' ħajja ħażina biex treġġagħhom lura lejn Alla, li għalihom waqqfet il-Monasteru għan-Niedma.

Fl-1530 waslu Napli l-ewwel patrijiet Kapuċċini, u Marija Lawrenza laqgħethom fil-bini tal-isptar. Wara tlettax-il sena taħdem mal-morda u ddur bihom fl-isptar li bniet, taħt it-tmexxija ta' San Gejtanu ta' Thiene, wara li ngħaqdu magħha tnax-il xebba twajba u mħeġġa ħafna fil-ħajja Nisranija, li xtaqu jgħixu ħajja tal-klawsura, wieġbet is-sejħa tal-Mulej, li riedha twaqqaf monasteru għax-xebbiet f'Napli. Wara ħafna taħbit kisbet mingħand il-Papa Pawlu III l-bolla Debitum Pastoralis Officii tat-twaqqif tal-monasteru ta' Santa Maria in Gerusalemme, li bniet maġenb l-isptar. Hekk dawn ix-xebbiet, flimkien magħha, bdew jgħixu flimkien fuq ir-regola ta' S. Klara u l-kostituzzjonijiet ta' Santa Koletta ta' Corbie, u għamlu l-wegħdiet tal-ħajja ta' sorjiet Kapuċċini.

Is-sena ta' wara l-għadd ta' xebbiet li daħlu sorijiet magħhom laħaq it-33, u dan l-ewwel monasteru tas-sorijiet Klarissi Kapuċċini għadu magħruf sal-lum bħala 'l-monasteru tat-33'. U hekk, bil-ħidma ta' Marija Lawrenza, twieldet fergħa ġdida tat-Tieni Ordni Franġiskan, li fiha s-sorijiet kienu jgħixu fil-klawsura fl-għamla ta' faqar u ħruxija tal-Kapuċċini, u taħt it-tmexxija tal-patrijiet Kapuċċini, li għalhekk illum ngħidulhom 'sorijiet Klarissi Kapuċċini'. F'Lulju 1535 is-sorijiet daħlu fil-monasteru l-ġdid ta' S. Marija ta' Ġerusalemm. Dawn iż-żewġ ħwejjeġ kbar li għamlet Beata Marija Lawrenza, l-isptar ta' Santa Maria del Popolo u l-Ordni tas-Sorijiet Klarissi Kapuċċini li waqqfet, għadhom ħajjin illum, wara ħames mitt sena, u jdawlu lill-Knisja t'Alla mad-dinja kollha bis-sbuħija, bl-imħabba, bit-talb u l-kontemplazzjoni. Marija Lawrenza mietet mewta qaddisa fil-21 ta' Diċembru 1539. Ġiet magħrufa bħala beata nhar is-Sibt, 9 t'Ottubru 2021. Ta' min jgħid li issa, b'dawn is-sitt beati ġodda, l-għadd tal-qaddisin u beati tal-Ordni tagħna Kapuċċin sas-sena 2021 huwa 128: 16 qaddisin u 112 beati.



## 2. Inizjattiva b'risq il-missjoni



Għal sena oħra l-benefattriċi u ex missjunarja fil-Kenja Catherine Camilleri miż-Żurrieq organizzat lotterija bi tliet hampers għar-rebbieħa. Minn din l-inizjattiva hija ġabret is-somma sabiħa ta' €1,000, somma tassew sabiħa li biha hija kienet ferm ferħana u sodisfatta b'dak li għamlet u b'dak li ġabret. Catherine ġiet fl-Uffiċċju tal-Missjoni tal-Kapuċċini fil-Furjana sabiex tagħti s-somma miġbura filwaqt li quddiemha stess jitilgħu t-tliet biljetti rebbieħa.

Fi kliemha Catherine qalet: "Jekk għalissa ma nistax immur il-missjoni tal-Kenja sabiex ngħinhom bil-preżenza u x-xogħol tiegħi, almenu nipprova ngħinhom billi nibgħat il-flus għall-proġetti li l-missjunarji għandhom."

Ngħidu grazzi kemm lil Catherine ta' dan il-ġest sabiħ ta' mħabba lejn il-fqar u mhux inqas lil kull min ikkopera magħha fix-xiri tal-biljetti. Jalla l-eżempju tajjeb tagħha jintiret u jittieħed minn oħrajn!

## 3. Preżentazzjoni ta' ktieb ġdid minn Ħuna Fr Martin Mamo

# Ippubblikat ktieb dwar San Ġużepp fl-okkażjoni tas-Sena Ġużeppina

**Christine Mamo**

Saret it-tnedija uffiċjali tal-ktieb Sliem għalik Ġużeppi bin David miktub mill-Kapuċċin Patri Martin Mamo fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp fil-Kalkara, liema pubblikazzjoni nħarġet fl-okkażjoni tas-Sena Ġużeppina mħabbra minn Papa Franġisku u li qed tiġi ċċelebrata madwar id-dinja Kattolika kollha.

Għat-tnedija kien hemm preżenti l-Arċisqof ta' Malta Charles J. Scicluna, fost diversi mistiedna distinti oħra, fosthom il-President Emeritu Marie-Louise Coleiro Preca. Id-dħul kollu minn dan il-ktieb se jmur b'risq The Malta Trust Foundation.

Iż-żagħżugħ Samuel Farruġia flimkien ma' Patri Martin Mamo ppreżentaw uffiċjalment dan il-ktieb lill-Arċisqof Charles J. Scicluna.



Il-ktieb dwar San Ġużepp għandu preżentazzjoni minn Rev. Martin Micallef u huwa maqsum f'24 riflessjoni flimkien ma' kapitli bit-talb u innijiet ta' tifħir. Ir-riflessjonijiet miktuba minn Patri Martin Mamo jimirħu f'suġġetti varji fosthom dawk storiċi, bibbliċi u ankè ħsibijiet dwar din is-sena speċjali.

Fost il-kitbiet jinsabu ukoll tliet paniġierki, fosthom tnejn tal-awtur u wieħed tal-Kapuċċin il-poeta Patri Mattew Sultana, taqsima dwar id-devozzjoni tal-qaddisin u ta' Maltin lejn dan il-qaddis, kif ukoll informazzjoni dwar dehriet ta' San Ġużepp madwar id-dinja.



## 4. Ħuna Fr Martin Micallef mogħti ġieħ fuq livell nazzjonali

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-kategorija tar-riċerka bijografika u storjografika ntrebħet minn Rev. Dr Martin Micallef, l-awtur ta' *Crux Invicta: Il-Kruċifiss Mirakoluż u l-Kapuċċini f'Għawdex* (Midsea Books).



Ir-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2021 tħabbru fl-10 ta' Diċembru 2021 waqt ċerimonja ġewwa l-Berġa ta' Kastilja taħt il-patroċinju tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, li attenda għaliha s-Segretarju Permanenti għall-Ministeru tal-Edukazzjoni, Dr Francis Fabri. Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb jingħata kull sena mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb bil-għan li jiċċelebra l-ogħla kisbiet fil-pubblikazzjoni tal-letteratura u r-riċerka f'Malta.




Fid-diskors tal-ftuħ il-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Mark Camilleri, laqa' lill-finalisti kollha għal din iċ-ċerimonja, li għal darb'oħra ġabret lill-awturi u lill-pubblikaturi kollha taħt saqaf wieħed. Innota wkoll li ċ-ċerimonja ħadet bixra simbolika, hekk kif il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għalaq il-50 sena tiegħu mindu ngħata l-ewwel darba fl-1971. Camilleri rrimarka li, minkejja l-isfidi li s-sena 2020 ġabet magħha lill-industrija tal-ktieb, l-għadd ta' kotba ppubblikati kien ta' tħeġġiġ il-qalb u allura l-okkażjoni taċ-ċerimonja nnifisha kienet xhieda tar-reżiljenza tal-pubblikazzjoni Maltija.



Camilleri feraħ lill-finalisti u żied jgħid li l-lista tal-kotba li kkompetew għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, miktuba kemm minn awturi stabbiliti u oħrajn ġodda, huma turija tal-istandards eċċellenti li l-industrija qiegħda dejjem tħabrek sabiex tilħaq. Il-kotba rebbieħa ntgħażlu minn bord ta' aġġudikazzjoni indipendenti minn lista ta' finalisti li għaddiet għal 46 ktieb, kollha ppubblikati s-sena ta' qabel u mifruxa fi tmien kategoriji kompetittivi.

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-kategorija tar-riċerka bijografika u storjografika ntrebħet minn Ħuna Profs. Fr Martin Micallef, l-awtur ta' *Crux Invicta: Il-Kruċifiss Mirakoluż u l-Kapuċċini f'Għawdex* (Midsea Books). Il-ktieb jittratta riċerka dwar l-istorja tal-kurċifiss mirakoluż meqjum fil-knisja tal-Kapuċċini f'Għawdex u r-rabta tiegħu mal-kunvent u l-knisja ta' dawn il-patrijiet.

Lil dan Ħuna Fr Martin nifirħulu għal dan l-unur li ngħata, li huwa żgur jaċċettah bl-akbar umiltà u fl-istess waqt biex jagħmel ġieħ lill-provinċja tal-Kapuċċini f'Malta, u fl-istess waqt ukoll bir-riċerka tiegħu jikxef tant fatti storiċi li sa issa ma kinux magħrufa għalina. Nawguraw lil Fr Martin li jkompli bl-istudji u r-riċerka tiegħu speċjalment fuq suġġetti marbuta kemm mal-istorja ta' Malta, ta' Maltin magħrufa u mhux inqas tal-istorja ta' aktar minn 450 sena ta' preżenza tal-Kapuċċini f'Malta.

## 5. Laqgħa għall-animaturi tal-Gruppi ta' Padre Pio

Nhar il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2021 il-membri tal-kumitat u l-leaders/animaturi tal-gruppi ta' talb ta' Patri Piju, flimkien mad-direttur nazzjonali tagħhom, Patri Pawl Bugeja, iltaqgħu flimkien għall-irtir tal-Avvent fil-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana.

Wara ċ-ċelebrazzjoni tal-ewkaristija Patri Hayden Williams ta konferenza dwar Patri Piju u l-Milied. Wara ikla żgħira flimkien spiċċajna l-irtir b'adorazzjoni u r-reċita tar-ružarju.





## 6. Il-Kapuċċini rebbieħa tat-Tonna Trophy 2021

Ta' kull sena l-FSOBIANS iniedu l-konkors tat-Tonna Trophy, li huwa l-ogħla premju li jingħata fil-Furjana lil individwu jew għaqda jew korp kostitwit li jkun ta servizz lill-Furjana u lill-komunità Furjaniża. L-għażla tar-rebbieħ issir wara votazzjoni minn għaqdiet u korpi kostitwiti Furjaniżi. Il-votazzjoni ta' din is-sena ppremjat lill-Ordni tal-Aħwa Franġiskani Minuri, il-Kapuċċini.

Il-preżentazzjoni tat-Tonna Trophy saret nhar il-Ħadd, 28 ta' Novembru 2021, wara quddiesa li saret fil-knisja arċipretali u parrokkjali ta' San Publiju, li ġiet ikkonċelebrata mill-Wisq Reverendu Patri Pawl Bugeja OFMCap, gwardjan tal-kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana, flimkien mal-Wisq Reverendu l-Kanonku Dun Charles Cini, l-arċipriet tal-Furjana.

F'kelmtejn li saru qabel il-preżentazzjoni l-President tal-FSOBIANS Nigel Holland qal li l-għażla tal-Kapuċċini bħala rebbieħa tat-Tonna Trophy kienet motivata minn rikonoxximent tas-servizz li l-patrijiet Kapuċċini ilhom jagħtu fil-Furjana u lill-komunità Furjaniża, prattikament fuq medda ta' sekli meta wieħed iqis li l-istess Kapuċċini ilhom stabbiliti fil-Furjana saħansitra qabel kien hemm il-ħsieb li titwieled il-lokalità nnifisha. Kompla li kienu bosta żgħażagħ Furjaniżi li ħaddnu dan l-Ordni u numru minnhom kienu anki saru ministri provinċjali tagħha.

Fakkar ukoll kif il-patrijiet Kapuċċini qasmu mal-Furjaniżi l-isbaħ u l-agħar ġrajjiet tal-lokalità tal-Furjana, fosthom iż-żmien ikrah tat-Tieni Gwerra Dinjija, meta kemm it-tempju Publijan kif ukoll il-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini, it-tnejn tant għal qalb il-Furjaniżi, sofrew ħsarat estensivi u anki telf ta' ħajjiet.

Min-naħa tiegħu l-Wisq Reverendu Patri Pawl Bugeja OFMCap esprima l-apprezzament kbir tiegħu għal dan ir-rikonoxximent li ngħata l-Ordni bir-rebħ tat-Tonna Trophy.



*Il-President tal-FSOBIANS Nigel Holland qed jippreżenta t-Tonna Trophy, li jinżamm għal sena, lill-Wisq Reverendu Patri Pawl Bugeja OFMCap*



FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap

# Il-mixja sinodali tal-Knisja tkompli...

U jeħtieġ ma tiqafx... Qegħdin ilkoll nippruvaw nieħdu sehem f'din il-mixja flimkien mal-Papa, mal-isqfijiet u dawk li jgħinuhom mill-qrib... Nippruvaw nieħdu sehem ilkoll: saċerdoti, persuni konsagrati u lajċi impenjati flimkien mal-poplu kollu t'Alla, kulħadd skont is-sejħa tiegħu jew tagħha, il-qagħda ta' kull wieħed u waħda. Ħadd mhu mħolli barra, biex hekk il-Knisja tkun tassew dik li riedha Ġesù, tiġbor fiha lil kulħadd u fiha kulħadd jipprova jagħti sehmu mill-aħjar li jista' taħt it-tmexxija tal-isqfijiet tal-post flimkien mal-Papa.

Tassew li mill-Konċilju Vatikan II l-Knisja kompliet tiskopri dejjem aktar l-essenza tagħha, mill-enċiklika *Ecclesiam suam* tal-Papa San Pawlu VI (6 t'Awwissu 1964) u l-kostituzzjoni appostolika tal-Konċilju Vatikan II *Il-Knisja Dawl tal-Ġnus* (21 ta' Novembru 1964). Imma dejjem kien hemm ċertu biża' u dubji! Huwa minnu li l-Knisja dejjem "emmnet" f'din il-verità, imma mhux dejjem ġiet imqiegħda sħiħa fil-prattika. Niftakru li dan seħħ f'kull epoka fil-Knisja, kważi kull meta kien hemm il-ħtieġa ta' tibdil kbir. Imma l-Ispirtu Qaddis li jmexxiha jaf isib it-toroq wisq aħjar minna.

## "Neħtieġu umiltà kbira"

Wara d-dokumenti msemmija u matul l-aħħar ħamsin sena t-teologi u l-isqfijiet flimkien ma' għadd ta' ħaddiema fl-oqsma pastorali impenjaw ruħhom ferm aktar biex dan l-aspett tat-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II jkun aktar studjat fil-fond u bil-mod jitqiegħed fil-prattika. Mhux imħolli barra l-fatt li billi jitlob impenn kbir u fuq kollox "umiltà kbira" għad jonqos ħafna aktar xi nterrqu! Niftakru dejjem, ilkoll, li dan qed isir – kif ġa ktibt fid-*Dawl Franġiskan* f'Novembru li għadda – mhux biex il-Knisja tieħu xi pubbliċità speċjali, jew popolarità, imma biex tiskopri dejjem aktar lilha nnifisha u tkun tista' taqdi l-bniedem illum dejjem aħjar.

Il-Papa Franġisku sa mill-bidu li sar papa pprova jwassal dan il-messaġġ fl-ittra appostolika tiegħu *Il-Ferħ tal-Evanġelju.* Issa deherlu, flimkien ma' dawk qribu ħafna, li kien wasal iż-żmien li dan jiġi studjat u mwettaq aħjar permezz ta' sinodu speċjali: "Għal Knisja Sinodali: Komunjoni, Parteċipazzjoni u Missjoni". Imma dan ukoll qed iseħħ mhux tant f'ċelebrazzjoni ta' xahar jew aktar (wara tħejjija xierqa), b'ħarġa fl-aħħar ta' dokument li mbagħad jgħin f'xi qasam partikolari (l-isqfijiet, il-kleru, il-



*Il-ftuħ tas-sinodu f'Ruma – 10 t'Ottubru 2021*

familji, iż-żgħażagħ, id-dinja tax-xogħol eċċ.) imma fl-istess struttura tal-Knisja! Infatti l-istess Papa kellu joħroġ almenu dokument imsejjaħ *Episcopalis Communio* (15 ta' Settembru 2018) u dan permezz ta' kostituzzjoni appostolika li hija kważi l-ogħla għamla jew mod ta' xandir ta' dokument papali! Fiha wera l-mod kif għandu jiġi ċċelebrat.

## "Mhux sempliċi ġrajja imma proċess"

Għax dan is-sinodu mhuwiex sempliċi "ġrajja", anke jekk kbira, imma "proċess"... li jrid jibqa' sejjer biex il-Knisja tkun tassew "Knisja sinodali"... Knisja komunjoni, parteċipazzjoni u missjoni; jiġifieri ilkoll inħossuna, u fil-fatt - għax inħossuna - nagħtu sehem ħaj f'dan "il-Ġisem Mistiku ta' Kristu" biex jibqa' jikber u jkun ħaj. Hekk, imbagħad, kull wieħed u waħda minna nerġgħu nqajmu fina dak is-sens ta' "missjoni" (mhux tmur ixxandar jew tgħin l-"opra missjunarja tal-Knisja fis-sena popolari" - dan ukoll) imma qabel kollox inkun konxju li jien bis-saħħa tal-magħmudija rrid inkompli l-missjoni ta' Ġesù li ngħix u nxandar l-Evanġelju madwari: fil-familja, mal-ġirien, fl-iskola jew il-kulleġġ jew l-università, fejn ngħix u naħdem, fl-ambjent ta' madwari, fil-politika, fl-amministrazzjoni, bi mġibti kollha eċċ.).

Għax, kif kont ktibt tliet xhur ilu f'din ir-rivista: "Is-sinodalità turi dak li huwa speċifiku fil-mod ta' ħajja u l-mod kif taħdem il-Knisja... komunjoni fil-mixja flimkien, fil-għaqda ta' xulxin bħala assemblea u fis-sehem attiv tal-membri kollha fil-missjoni tagħha li xxandar l-Evanġelju."

Jekk jien nipprova nifhem dan u nagħti sehmi kemm u kif nista', allura s-Sinodu jkun beda jilħaq l-iskop tiegħu fija, madwari, fil-familja, fil-parroċċa, fil-komunità, fil-grupp ta' talb, fil-moviment li fih nieħu sehem u kull fejn inkun! Inkunu bdejna ngħixu l-Evanġelju kif kienu jagħmlu l-ewlenin Insara... "Din il-mixja tas-sinodalità hija preċiżament dak li Alla qed jistenna minna lkoll f'dan it-tielet millennju," itennilna l-Papa Franġisku (fil-50 sena mit-twaqqif tas-Sinodu tal-Isqfijiet, fis-17 t'Ottubru 2015). Ma nħallux ix-xitan ikompli jfixkilna u jinqeda bil-kriżi li għaddejjin minnha. Nagħtu lkoll sehemna kollu li nistgħu.

## L-Aspett Ekumeniku

Aspett sabiħ ukoll f'dan is-sinodu huwa dak ekumeniku, jiġifieri kif is-sinodu jrid jolqot lil ħutna Nsara l-oħra u l-għaqda tal-Insara. Fit-28 t'Ottubru 2021 is-Segretarjat tal-istess sinodu u l-Kunsill Pontifiċju għall-Għaqda fost l-Insara flimkien ħarġu



*Il-Papa Franġisku mal-Kard. Mario Grech fl-ewwel laqgħa tas-sinodu f'Ruma*

dokument apposta fuq hekk. Huwa minnu li kważi f'kull sinodu kienu jkunu mistednin rappreżentanti ta' dawn ħutna. Imma did-darba dan qed isir b'mod differenti u aktar mill-qrib, fosthom għax ħutna Nsara jieħdu sehem aktar attiv fuq livelli djoċesani, nazzjonali jew aktar wiesgħa u jieħdu sehem ukoll fil-laqgħat presinodali "u huma mħeġġin biex jibagħtu riflessjonijiet bil-miktub". Imbagħad ikunu mistednin fl-assemblea tal-Knisja tal-post. Hekk itemm id-dokument: "id-dimensjoni ekumenika tal-proċess sinodali ġġib 'il quddiem kemm is-sinodalità kif ukoll l-għaqda tal-Insara".

Permezz ta' din il-konsultazzjoni kollha, sa Awwissu 2022 jiġi mfassal l-ewwel dokument ta' ħidma, imsejjaħ *Instrumentum laboris.* Imbagħad minn Awwissu ta' din is-sena sa Marzu 2023 issir diskussjoni kontinentali. U s-Segreterija tas-Sinodu jkollha tliet xhur biex tħejji t-tieni dokument biex is-sinodu jiftaħ it-tielet u l-aħħar sessjoni tiegħu fil-Vatikan f'Ottubru ta' wara.

Il-Kardinal Mario Grech, li huwa s-Segretarju Ġenerali tas-Sinodu, qal li s-sehem tal-lajċi huwa sehem importanti ħafna: "Mhux xi ħaġa dekorattiva imma huwa sostanzjali" (lill-isqfijiet tal-konf. episkopali Taljana fil-laqgħa straordinarja (21-25 ta' Nov. 2021).

Nitolbu ħafna u nħeġġu lil min jitlob biex l-Ispirtu Qaddis ikompli jħeġġeġ lil qlubna u qlub dawk kollha li jieħdu sehem f'konverżjoni vera, ibda mill-istess Papa, kif qal huwa stess, "biex dan jgħin ħalli nwettqu l-ministeru b'fedeltà akbar skont kif xtaqu Ġesù Kristu u għall-ħtiġijiet attwali tal-evanġelizzazzjoni" (*Il-Ferħ tal-Evanġelju*, 32, ikkwotat fl-*Episcopalis communio*).

Jien, mal-Insara l-oħrajn, nipprova nagħti sehmi sħiħ mill-aħjar li nistgħu.

FR PAUL BUGEJA OFMCap



# Il-Kejk tas-Slaten Maġi

Għalkemm diġà ċċelebrajna l-festa tal-Epifanija fit-2 ta' Jannar 2022 sejrin nagħtu ħarsa lura u nagħtikom ir-riċetta b'konnessjoni ma' din il-festa solenni.

Il-Messiku għandhom tradizzjoni li fl-Epifanija jiċċelebraw l-El Dia de los Reyes, jiġifieri l-jum tat-tliet Slaten Maġi, u jagħmlu kejk imsejjaħ 'il-kejk tat-tliet slaten'. F'dan il-kejk jaħbu statwa żgħira tal-Bambin Ġesù, u min isibu jkollu l-grazzja li jkun il-parrinu ta' Ġesù dik is-sena.



## Ingredjenti:

60 gr butir artab
60 gr zokkor
l-isfar ta' bajda
60 gr intrita tal-lewż
500 gr għaġina sfiljurata
lewża sħiħa
bajda mħabbta biex iddellek
grokk rum
icing sugar
karta-forn
kuruna tal-karti biex iżżejjen



## It-tisjir:

1. Ħawwad flimkien il-butir u z-zokkor sakemm jinħall iz-zokkor.
2. Wara żid l-isfar tal-bajda, il-grokk rum u l-intrita.
3. Iftaħ l-għaġina u ara li tiksi l-qiegħ ta' turtiera tonda u ħejji għall-għatu tal-wiċċ tat-torta.
4. Itfa' l-mili fit-torta u erġa' iksi l-wiċċ bl-għaġina.
5. Agħlaq id-dawra tal-għaġina.
6. B'sikkina agħmel toqba fin-nofs tat-torta u bis-sikkina fellel il-wiċċ kif jidher fl-istampa tar-riċetta.
7. Dellek il-wiċċ bil-bajda mħabbta.
8. Aħmi kejk-torta fin-nofs tal-forn b'temperatura 180°C għal madwar 30 minuta.
9. Wara oħroġ il-kejk u għarbel ftit icing sugar fil-wiċċ, u erġa' aħmi fil-forn għal 10 minuti sakemm jinħall iz-zokkor.
10. Jista' jittiekel sħun jew kiesaħ u tista' żżejnu b'kuruna, li tissimbolizza s-slaten maġi.

# Tisliba Nru 198

FR WISTIN ATTARD OFMCap






1. Raġel, imma mhux tal-laħam. (Bar. 6, 69) (5)
2. Dan tal-ġgant. (1 Mak. 4, 30) (6)
3. Semmgħuha minn fuq il-muntanja. (Ġoel 2, 1) (5)
4. L-eżiljati ta' hawn. (Għabd. 20) (5)
5. Hekk għandu jkun il-ħalib. (1 Pt. 2, 2) (4)
6. Mitejn minn dal-flus. (Mk 6, 37) (5)
7. Tagħlaqx għajnejk. (Dt. 4, 9) (5)
8. ..., se nġib fuq dan il-poplu. (Ġer. 6, 19) (5)
9. Kejl għas-smid. (Lev. 5, 11) (3)
10. Semajja, ..., Sekanija.(2 Kron. 31, 15) (7)
11 u 12. U dan ta' kollox. (Prov. 4, 7) (6)
13. 'Il fuq minn din u Setgħa. (Efes. 1, 21) (6)
14. Biex intella' u mhux inħott. (2 Kor. 13, 10) (5)
15. X'kien jismu qabel Abraham. (Neħ. 9, 7) (5)
16. Ikun żmien hekk. (Mik. 2, 3) (5)
17. Taraw lil Abraham, lil ..., lil Ġakobb. (Lq. 13, 28) (5)
18. Fidi, din, qdusija u modestja. (1 Tim. 2, 15) (7)
19. Għal dan il-... (Ħab. 3, 16) (4)
20. Isem il-belt li bena raġel. (Imħ. 1, 26) (3)
21. Din għal riġlejn il-boloħ. (Għerf 14, 11) (5)
22. Ibgħatli lil David, ... (1 Sam. 16, 19) (5)

## Soluzzjoni għal Tisliba #197

1. Kbira; 2. Ftaħna; 3. Ilsna; 4. Ġaffa; 5. Bata; 6. Fidil; 7. Betel; 8. Arani; 9. Riħ; 10. Naftali; 11 u 12. Ċarċru; 13. Rassis; 14. Miġja; 15. Irbit; 16. Xuxtu; 17. Addar; 18. Iqarrqu; 19. Alfa; 20. Sid; 21. Jifni; 22. Tqila

# Aħseb u Wieġeb

Agendabookshop

1. In-nies ta' madwaru bdew jgħajtu: Warrab! Ara ġej! Hosanna! (Mk 11, 9)
2. Bin il-bniedem huwa sid: l-għalqa, is-Sibt, ta' kollox. (Lq. 6, 5)
3. Ħajti nagħtiha: meta rrid, minn rajja, kif irrid. (Ġw. 10, 18)
4. Ġabilhom il-provi li Ġesù hu: il-mastrudaxxa, bin Marija, il-Messija. (Atti 9, 22)
5. Ra anġlu jittajjar li kellu: l-Evanġelju, vleġġa, kuruna. (Apk. 14, 6)
6. X'ħalltet il-mara mad-dqiq: zokkor, ħmira, butir. (Mt. 13, 33)
7. It-tina kellha biss: weraq, ġandar, zkuk. (Mk 11, 13)
8. Kienu moħħhom fih: għal idejh, xi jgħid, ifejjaqx. (Lq. 6, 7)
9. Bosta qalu: Kemm jaf! Għandu xitan! X'inhu jgħid? (Ġw. 10, 20)
10. Lil Sawl ftiehmu li: joqtluh, iwarrbuh, jgħinuh. (Atti 9, 23)

## Ir-rebbieħa tal-ħarġa ta' Jannar 2022

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn **AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED**. Ir-rebbieħa jittellgħu bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħ tal-Kompetizzjoni TISLIBA Nru 197 hija NATALINA VELLA li toqgħod 'Natasha Hse', Triq l-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex GSM 9013. Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni AQTA' MIN Nru 43, hija ANAIS PULIS li toqgħod 62, Rosemallow, Flat 3. Triq Dun Salv Sciberras, St. Peter's, Żabbar ŻBR 2015. Nistiednu lir-rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

### 1. Borża ta' studju
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

### 2. Ibagħtulna bolol tajbin jew użati
Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI**. Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€10.

### 3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Mill-irċevuti tal-VAT li rċivejna mingħandkom matul ix-xahar ta' Novembru 2021 irbaħna €233 bi rċevuta mill-MAYPOLE tal-Ħamrun, kif ukoll irbaħna €477 bi rċevuta mill-MAYPOLE tal-Ħamrun ukoll. B'hekk irbaħna, b'risq il-missjoni tal-Kenja, is-somma sabiħa ta' €710. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv. Filwaqt li ngħidulkom grazzi nħeġġukom sabiex tkomplu tibagħtu dawn l-irċevuti u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni tagħna fil-Kenja.

### 4. BAZAAR b'risq il-missjoni
Minħabba l-kriżi li ħolqot l-imxija tal-COVID-19, għal dawn l-aħħar sentejn il-bazaar li konna norganizzaw kull sena qrib il-Milied ma sarx. Lanqas din is-sena ma sar. Imma minflok dan qed ikollna bħal mini bazaar miftuħ kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.30 ta' filgħodu u nofsinhar. Dan il-bazaar qed ikun fid-daħla tal-Uffiċċju tal-Missjoni biswit il-kunvent tal-Kapuċċini, fil-Furjana. Ilkoll intom mistiedna sabiex tiġu, taraw u tixtru. B'hekk tkunu qed tgħinu lill-missjoni tagħna fil-Kenja.

### 5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. **OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK.** Għandna bżonn: Bormla, parti minn Birkirkara, Tas-Sliema, l-Imsida.

### 6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

### 7. Intenzjonijiet għall-quddies
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

### 8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a **BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.**

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil: Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**



**BOV** KONT PROĠETT HOLA – IL-KENJA: MT04VALL220130000000 40019994646
**BOV** KONT DAWL FRANĠISKAN – MT02VALL220130000000 40021435175
**BOV** KONT SEGRETARJAT MISSJONI KAPUĊĊINI: MT22VALL220130000000 4001998299

*Nota importanti: Huwa ferm meħtieġ li lill-bank tagħtih ismek u kunjomok bl-indirizz tiegħek.*